Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Frar 2024**
**(OR. en)**

**6241/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0035(COD)**

**COPEN 60**
**DROIPEN 25**
**FREMP 69**
**CYBER 36**
**ENFOPOL 61**
**JAI 199**
**CODEC 404**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Frar 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 60 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 60 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 60 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 6.2.2024
COM(2024) 60 final

2024/0035 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)**

{SEC(2024) 57 final} - {SWD(2024) 32 final} - {SWD(2024) 33 final} - {SWD(2024) 34 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'Lulju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija"). Din l-Istrateġija stabbiliet tmien inizjattivi li għandhom l-għan li jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u, fejn meħtieġ, l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas legali għall-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Fl-istess ħin, hija fittxet li ssaħħaħ ir-rispons tal-infurzar tal-liġi u tikkatalizza l-isforzi ta' diversi partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-prevenzjoni u l-investigazzjoni, u għall-assistenza lill-vittmi u lis-superstiti.

B'mod partikolari, l-Istrateġija rrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġi vvalutat jekk il-qafas attwali tal-liġi kriminali tal-UE, jiġifieri d-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva"), huwiex adatt għall-iskop tiegħu meta jitqiesu l-bidliet soċjetali u teknoloġiċi matul l-aħħar 10 snin. Id-Direttiva ġiet adottata biex tistabbilixxi standards minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dawn il-forom partikolarment serji ta' kriminalità, li huma diretti kontra t-tfal, jiġifieri vittmi li għandhom dritt għal protezzjoni u kura speċjali. Hija stabbiliet regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-isfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll standards minimi dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi, u l-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal.

Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni biex tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva, filwaqt li vvalutat il-lakuni leġiżlattivi possibbli, l-aħjar prattiki u l-azzjonijiet ta' prijorità fil-livell tal-UE. L-istudju wera li t-test jippreżenta opportunitajiet għal titjib: huwa enfasizza l-ambigwità ta' ċerti definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva, u l-isfidi li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri. L-istudju qajjem tħassib relatat mat-tkabbir esponenzjali tal-kondiviżjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u maż-żieda fil-possibbiltajiet għall-awturi biex jaħbu l-identità tagħhom (u jaħbu l-attivitajiet illegali tagħhom), b'mod partikolari online, u b'hekk jaħarbu mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni. Bħala konklużjoni, l-istudju sab li kemm iż-żieda fil-preżenza online tat-tfal kif ukoll l-aħħar żviluppi teknoloġiċi jqajmu sfidi għall-infurzar tal-liġi filwaqt li joħolqu possibbiltajiet ġodda għal abbuż li mhumiex kompletament koperti mid-Direttiva attwali.

L-istudju kkonkluda wkoll li d-diversi oqfsa legali fis-seħħ fl-Istati Membri dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ma jipprevedux ġlieda effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-UE kollha, b'mod partikolari minħabba l-kriminalizzazzjoni insuffiċjenti ta' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal imwettqa permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti. Fl-aħħar nett, huwa enfasizza li l-isforzi tal-Istati Membri biex jipprevjenu l-abbuż sesswali tat-tfal u biex jassistu lill-vittmi għadhom limitati, huma nieqsa mill-koordinazzjoni u mhuwiex ċar kemm huma effettivi. Biex tindirizza n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni, il-Kummissjoni segwiet permezz ta' miżuri ta' infurzar, u nediet proċeduri ta' ksur kif meħtieġ. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni wriet b'mod ċar li jeħtieġ qafas leġiżlattiv imġedded fil-livell tal-UE.

F'dan l-isfond, hija meħtieġa reviżjoni mmirata tad-Direttiva:

- li tiżgura li l-forom kollha ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, inklużi dawk abilitati jew iffaċilitati mill-iżviluppi teknoloġiċi, jiġu kriminalizzati;

- li tiżgura li r-regoli nazzjonali dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jipprevedu ġlieda effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal billi jqisu l-iżviluppi teknoloġiċi riċenti;
- li ttejjeb kemm il-prevenzjoni kif ukoll l-assistenza lill-vittmi; u
- li tippromwovi koordinazzjoni aħjar fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Istati Membri kollha u, fil-livell nazzjonali, fost il-partijiet kollha involuti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tkompli tiżviluppa d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva u hija ppreżentata fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE 2020 għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Il-proposta tikkomplementa inizjattivi oħra tal-UE li, direttament jew indirettament, jindirizzaw aspetti tal-isfidi marbuta ma' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal. Dawn l-inizjattivi jinkludu:

– id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità;

– id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;

– ir-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' *data* personali u *data* oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, u l-proposta adottata reċentement għal estensjoni limitata fiż-żmien tad-deroga temporanja[1]; u

– il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan.

Dan tal-aħħar jistabbilixxi obbligi fuq il-fornituri tas-servizzi online biex jassumu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tat-tfal li jużaw is-servizzi tagħhom mill-abbuż sesswali tat-tfal online. Ir-Regolament propost jiddependi fuq id-Direttiva biex jiddefinixxi x'jikkostitwixxi reat kriminali fir-rigward ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni. Id-Direttiva tikkostitwixxi l-pilastru tal-liġi kriminali li fuqu jibbaża r-Regolament propost.

Iż-żewġ strumenti jsaħħu lil xulxin biex b'mod konġunt jipprovdu rispons aktar komprensiv għar-reat tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm offline kif ukoll online. B'mod partikolari, iċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, previst fir-Regolament propost, ikollu wkoll rwol importanti biex jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri kemm fuq il-prevenzjoni kif ukoll fuq l-assistenza lill-vittmi skont din il-proposta. Filwaqt li ċ-Ċentru tal-UE jappoġġa l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura fl-għoti ta' rapporti ta' kwalità ogħla, dan ma jaffettwax id-distribuzzjoni attwali tar-responsabbiltajiet fost l-Europol, l-Eurojust, u l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura.

[1] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, COM(2023) 777 final tat-30.11.2023.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-politika relatata tal-Unjoni, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

– Tikkomplementa l-qafas legali tal-UE li jirregola s-servizzi diġitali, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali adottat reċentement[2]. Dan tal-aħħar jindirizza r-responsabbiltà tal-fornituri tas-servizzi online fir-rigward tal-kontenut illegali li jiċċirkola fuq is-servizzi tagħhom. Din il-proposta tiżgura li d-definizzjoni ta' tip speċifiku ta' kontenut illegali, jiġifieri l-abbuż sesswali tat-tfal online, tiġi aġġornata u xierqa biex tiżgura azzjoni effettiva fid-dinja diġitali tal-lum u ta' għada, filwaqt li tinsisti wkoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni. Billi tagħmel dan, il-proposta hija wkoll kompletament komplementari mal-istrateġija tal-UE għal Internet Aħjar għat-Tfal (Better Internet for Kids, BIK+).

– Hija konsistenti mal-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u tikkomplementaha. Dik il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward ta': id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet għall-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fl-UE kollha; il-protezzjoni tal-vittmi ta' dawn ir-reati u l-aċċess għall-ġustizzja; l-appoġġ għall-vittmi u l-prevenzjoni; u l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

– Hija konsistenti mal-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi li tipprevedi emendi mmirati li għandhom l-għan li jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jiddependu bis-sħiħ fuq id-drittijiet tagħhom fl-UE.

– Hija konsistenti, speċjalment fil-komponenti tagħha ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni, mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027, li tirrikonoxxi li ż-żgħażagħ fl-UE jiffaċċjaw sfidi speċifiċi u li l-għoti tas-setgħa tagħhom, inkluż permezz tal-edukazzjoni, huwa kruċjali biex jgħinhom jiffaċċjaw dawn l-isfidi b'suċċess.

– Hija konsistenti wkoll mal-Istrateġija komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-adozzjoni tagħha fl-2021 ħolqot qafas ta' politika kumplessiv tal-UE għad-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tat-tfal. Il-Kummissjoni qed tippjana li tikkomplementa dan b'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal.

– Hija konsistenti wkoll mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, li għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled l-esklużjoni soċjali billi tiggarantixxi aċċess effettiv tat-tfal fil-bżonn (inklużi dawk li ġejjin minn ambjenti familjari prekarji, vjolenti u abbużivi) għal sett ta' servizzi ewlenin, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni.

– Hija konsistenti mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" dwar in-nuqqas ta' appoġġ jew it-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li jagħmlu ħsara sinifikanti lil kwalunkwe objettiv ambjentali, fejn rilevanti, skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-

[2] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1-102.

Regolament (UE) 2020/852[3], peress li d-Direttiva ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq dawn l-objettivi. Hija konsistenti wkoll mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[4].

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

Din il-proposta tirriformula d-Direttiva 2011/93/UE. Għalhekk, hija bbażata fuq l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huma l-bażijiet legali tad-Direttiva 2011/93/UE. Iż-żewġ bażijiet legali jippermettu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jistabbilixxu, permezz ta' direttivi, regoli minimi meħtieġa biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali li għandhom dimensjoni transfruntiera, u regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-isfruttament sesswali tat-tfal, rispettivament.

### • Ġeometrija varjabbli

Fir-rigward tal-ġeometrija varjabbli, din il-proposta ssegwi approċċ simili għad-Direttiva attwali.

F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

In-natura transfruntiera tar-reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, li ġġustifikat l-adozzjoni tad-Direttiva, saret saħansitra aktar prominenti f'dan l-aħħar deċennju, bi prevalenza akbar fl-użu ta' teknoloġiji online li jippermettu, jiffaċilitaw u jamplifikaw l-impatt ta' tali reati. Sabiex tipprevedi kemm il-prosekuzzjoni effettiva tat-trasgressuri kif ukoll il-protezzjoni tal-vittmi kullimkien fl-UE, din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi komuni dwar id-definizzjoni tar-reati u l-livelli ta' sanzjonijiet, objettiv li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jilħqu individwalment u li jista' jinkiseb biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, minħabba d-dimensjoni online ta' dawn ir-reati, li saret dejjem aktar prominenti, fin-nuqqas ta' regoli komuni, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu b'mod effettiv: (i) jipprevjenu t-twettiq ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal fit-territorju tagħhom; (ii) jinvestigaw u jħarrku reati ta' abbuż sesswali tat-tfal b'dimensjoni transfruntiera; u (iii) jidentifikaw il-vittmi u jipprovdulhom assistenza xierqa. Għalhekk, il-

[3] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1-17.

proposta tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-bidliet fid-Direttiva skont din il-proposta huma limitati u mmirati, bil-għan li jindirizzaw b'mod effettiv in-nuqqasijiet ewlenin identifikati fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva. Skont il-valutazzjoni tal-impatt, il-bidliet proposti huma limitati għal dawk l-aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu b'mod sodisfaċenti waħedhom. B'mod partikolari, id-definizzjonijiet ta' reati jeħtieġ li jiġu adattati fil-livell tal-UE biex jintlaħaq l-objettiv li jiġu indirizzati l-abbuż u l-isfruttament sesswali transfruntier tat-tfal. Fir-rigward tal-emendi b'rabta mal-prevenzjoni, l-assistenza lill-vittmi, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, dawn jirrispondu għal-lakuni u l-isfidi speċifiċi li tfaċċaw matul il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/93 matul l-aħħar deċennju. Kwalunkwe piż amministrattiv ulterjuri li jista' jirriżulta minn dan l-aġġornament jitqies proporzjonat fid-dawl tal-benefiċċji fit-tul, inklużi l-benefiċċji tal-kostijiet, li huma marbuta mal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija ta' dawn it-tipi ta' reati għall-vittmi u għas-soċjetà inġenerali. Barra minn hekk, ir-rwol ta' appoġġ taċ-Ċentru tal-UE fl-oqsma tal-prevenzjoni u tal-assistenza lill-vittmi jżomm kwalunkwe piż amministrattiv bħal dan baxx kemm jista' jkun. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ddikjarati.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija maħsuba biex tipprevedi bidliet immirati fid-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, li huma maħsuba biex jindirizzaw il-lakuni, l-inkonsistenzi u n-nuqqasijiet identifikati mill-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva. Peress li din il-proposta trid tirriformula d-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, l-istess strument legali huwa l-aktar wieħed xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Matul l-2022, f'konformità ma' dak li kien tħabbar fl-Istrateġija tal-2020, il-Kummissjoni wettqet studju ta' evalwazzjoni biex tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, fejn identifikat lakuni leġiżlattivi, l-aħjar prattiki u azzjonijiet ta' prijorità fil-livell tal-UE. L-istudju ta' evalwazzjoni[5] kkonkluda li d-Direttiva ma kinitx kompletament kapaċi tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-bidliet soċjetali u teknoloġiċi sinifikanti li seħħew f'dawn l-aħħar deċennji. Huwa qajjem tħassib b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir esponenzjali tal-kondiviżjoni online, iż-żieda fil-possibbiltajiet biex l-awturi jaħbu l-identità tagħhom (u jaħbu l-attivitajiet illegali tagħhom), u l-iffaċilitar fil-kospirazzjoni bejn l-awturi biex jevitaw li jerfgħu responsabbiltà għal dak li għamlu u biex iwettqu aktar reati. L-istudju ta' evalwazzjoni enfasizza wkoll l-ambigwitajiet f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva u indika sfidi persistenti li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri. Barra minn hekk, huwa nnota li l-flessibbiltà wiesgħa ħafna li tħalliet għad-differenzjazzjoni

[5] Studju li jappoġġa l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva tal-UE 2011/93 tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija u l-valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet possibbli għall-emenda tagħha (iffinalizzat fit-30 ta' Novembru 2022).

nazzjonali fil-qasam tal-prevenzjoni u l-assistenza lill-vittmi kienet wasslet għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni u għal riżultati mhux sodisfaċenti f'ħafna Stati Membri. Ikkonkluda li anke t-traspożizzjoni sħiħa u konformi tad-Direttiva fil-forma attwali tagħha la sservi biex tindirizza b'mod suffiċjenti l-isfidi marbuta mar-rapportar, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal u lanqas ma twassal għall-adozzjoni madwar l-UE ta' miżuri sodi biżżejjed fir-rigward tal-prevenzjoni u l-assistenza lill-vittmi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Twettqet konsultazzjoni wiesgħa fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal u l-valutazzjoni tal-impatt paralleli ta' inizjattivi potenzjali biex jimtlew il-lakuni identifikati f'tali evalwazzjoni. Din kienet tinkludi l-pubblikazzjoni tal-pjan direzzjonali ta' evalwazzjoni/tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu kkombinat fuq il-portal tal-Kummissjoni "Semma' leħnek" mit-28 ta' Settembru sas-26 ta' Ottubru 2021, li ra reazzjonijiet minn 17-il parti kkonċernata. Fl-ewwel nofs tal-2022, saru konsultazzjonijiet immirati, li jistaqsu mistoqsijiet aktar tekniċi dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva, li twettqu kemm mill-Kummissjoni b'mod indipendenti kif ukoll fil-kuntest ta' studju kkummissjonat lil kuntrattur estern. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati kienu jinkludu:

– l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri involuti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u fit-traspożizzjoni tagħha (eż. l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi; is-servizzi ta' ħabs, detenzjoni u libertà kondizzjonali; l-awtoritajiet amministrattivi, tal-protezzjoni tat-tfal u dawk ġudizzjarji), u l-awtoritajiet reġjonali u lokali;

– l-aġenziji rilevanti tal-UE (inklużi l-Europol, l-Eurojust u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (Fundamental Rights Agency, FRA));

– organizzazzjonijiet rilevanti f'pajjiżi mhux tal-UE, inkluż iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Tfal Neqsin u Sfruttati tal-Istati Uniti (National Centre for Missing and Exploited Children, NCMEC), u ċ-Ċentru Kanadiż għall-Protezzjoni tat-Tfal (C3P);

– organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa;

– il-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-industrija;

– hotlines, inkluż in-network INHOPE ffinanzjat mill-UE, u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili ffukati fuq il-protezzjoni tat-tfal, id-drittijiet tat-tfal, il-prevenzjoni u l-privatezza; u

– riċerkaturi u akkademiċi li jaħdmu fuq l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal.

Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika miftuħa mmirata lejn il-pubbliku ġenerali bil-għan li tiġbor informazzjoni, evidenza, u fehmiet dwar il-kwistjonijiet involuti u biex tikkontribwixxi għall-proċess ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt. Fil-kuntest tal-istudju, tpoġġa għad-dispożizzjoni kwestjonarju fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, u saret diskussjoni preliminari dwar l-objettivi ta' inizjattiva ta' politika biex tiġi rieżaminata permezz tal-għodda ta' Sħarriġ tal-UE tal-Kummissjoni bejn l-20 ta' April 2022 u t-13 ta' Lulju 2022. B'kollox waslu 49 tweġiba mill-partijiet ikkonċernati fi 23 pajjiż, inklużi 18-il Stat Membru (AT, BE, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IT, MT, NL, PT, SE u SI). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni rċeviet ukoll, minbarra t-tweġibiet, 21 kontribuzzjoni bil-miktub, inkluż 11-il kontribuzzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tlieta minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tan-negozju, erbgħa minn kumpaniji tal-ICT, wieħed minn rappreżentant ta' ministeru nazzjonali tal-ġustizzja, wieħed minn espert legali u wieħed minn ċittadin tal-UE.

B'mod ġenerali, il-proċess ta' konsultazzjoni wera li t-tfal huma affettwati min-nuqqasijiet tad-Direttiva attwali fir-rigward tax-xejriet emerġenti permessi jew iffaċilitati mill-iżvilupp teknoloġiku u ż-żieda fil-preżenza online tat-tfal u tal-predaturi. Huwa kkonferma li dawn ix-xejriet ġodda qed iġibu magħhom sfidi investigattivi ġodda li hemm bżonn jiġu indirizzati. Indika wkoll il-ħtieġa li jitqiesu aħjar l-ispeċifiċitajiet tar-reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, inklużi l-isfidi li jiltaqgħu magħhom il-vittmi fir-rapportar, il-ħtieġa għal prevenzjoni mmirata u assistenza għall-vittmi, u li jiġu indirizzati d-diffikultajiet ikkawżati minn fenomeni bħal dak ta' trasgressuri sesswali li jivvjaġġaw.

Il-problemi ewlenin identifikati fil-konsultazzjonijiet ġew ikkunsidrati u indirizzati fil-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt ġew sostnuti minn studju mwettaq minn kuntrattur estern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni organizzat sitt sessjonijiet ta' ħidma tal-esperti, mis-17 ta' Jannar 2018 sas-6 ta' Settembru 2019, biex tiġbor informazzjoni dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet emerġenti fil-qasam tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u biex tiddiskuti d-diffikultajiet ewlenin li nqalgħu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, kif ukoll ir-rilevanza tagħha fid-dawl ta' xejriet u żviluppi ġodda u mistennija. Kif spjegat fid-dettall fl-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Direttiva (Riformulazzjoni), inġabar għarfien espert estern addizzjonali permezz tal-metodi ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li ġejjin: intervisti dwar l-ambitu, riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, stħarriġ online, konsultazzjoni pubblika, intervisti mmirati, intervisti ta' studju ta' każijiet, u workshops.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għat-tħejjija tal-proposta evalwat tliet għażliet ta' politika, li jippreżentaw firxa ta' miżuri ta' politika dejjem aktar ambizzjużi maħsuba biex jirrispondu għal tliet fatturi ewlenin tal-problemi:

– kemm iż-żieda fil-preżenza online tat-tfal u kemm l-aħħar żviluppi teknoloġiċi jġibu magħhom sfidi għall-infurzar tal-liġi filwaqt li joħolqu opportunitajiet ġodda għal abbuż;

– l-oqfsa legali differenti fis-seħħ fl-Istati Membri dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, li ma jipprevedux ġlieda effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal; u

– in-nuqqasijiet tal-isforzi tal-Istati Membri biex jipprevjenu l-abbuż sesswali tat-tfal u biex jassistu lill-vittmi, jiġifieri n-natura limitata tagħhom, l-effettività mhux ċara tagħhom, u n-nuqqas ta' koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.

It-tliet għażliet ta' politika eżaminati kienu kif ġej:

– Għażla A: Aġġustamenti leġiżlattivi mmirati biex jiċċaraw l-ambigwitajiet tal-qafas attwali, jiżguraw koerenza ma' strumenti ġodda, u jtejbu l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli.

– Għażla B: Għażla A flimkien ma' emendi leġiżlattivi li jimmodifikaw id-definizzjonijiet ta' reati kriminali biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi attwali u mistennija.

– Għażla C: Għażla B flimkien ma' emendi leġiżlattivi biex jiżguraw prevenzjoni, assistenza lill-vittmi, u investigazzjoni u prosekuzzjoni aktar effettivi, filwaqt li titqies id-dimensjoni transfruntiera tal-fenomenu.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatti soċjali u ekonomiċi, kif ukoll tal-effettività u tal-effiċjenza, l-għażla ta' politika ppreferuta hija l-għażla C. L-għażla ppreferuta fiha sett akbar ta' miżuri ta' politika mill-prevenzjoni sal-prosekuzzjoni u l-assistenza lill-vittmi, li jindirizzaw kemm l-ambigwitajiet u n-nuqqasijiet oriġinali identifikati fid-Direttiva kif ukoll il-ħtieġa li din tiġi aġġornata biex tlaħħaq ma' xejriet ġodda u emerġenti filwaqt li tiżgura kooperazzjoni transfruntiera aktar effiċjenti. L-għażla C tkompli tissimplifika r-regoli nazzjonali dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni biex tiżgura, fost affarijiet oħra, il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-għodod eżistenti biex tipprevjeni lit-trasgressuri sesswali milli jwettqu reati barra mill-pajjiż u d-disponibbiltà ta' metodi investigattivi effettivi fl-Istati Membri kollha. Fl-aħħar nett, hija tispeċifika aħjar il-prevenzjoni u l-obbligi għall-assistenza lill-vittmi, u ttejjeb il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, inkluż permezz tal-ħidma ta' network ta' awtoritajiet nazzjonali u d-dipendenza fuq iċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Iż-żieda possibbli fl-għadd ta' prosekuzzjonijiet u investigazzjonijiet dwar l-abbuż sesswali tat-tfal li jistgħu jirriżultaw minn għodod investigattivi aktar effettivi u koordinazzjoni aħjar fi ħdan l-Istati Membri u fosthom tista' tinvolvi kostijiet amministrattivi għall-Istati Membri. Madankollu, jenħtieġ li hija ġġib ukoll benefiċċji sinifikanti f'termini ta' limitazzjoni tal-kostijiet għas-soċjetà tal-abbuż sesswali tat-tfal. B'mod partikolari, l-inizjattiva hija mistennija tnaqqas b'mod sinifikanti l-kostijiet assoċjati mal-abbuż sesswali tat-tfal, u tipproduċi ffrankar relatat ma': (i) it-trasgressuri u l-vittmi (pereż. billi tevita li r-reat jitwettaq u jiġu ffrankati l-kostijiet marbuta mal-proċedimenti kriminali, kif ukoll l-assistenza fuq terminu qasir u twil lill-vittmi); u (ii) is-soċjetà inġenerali (pereż. billi tevita t-telf tal-produttività marbut mal-abbuż sesswali tat-tfal u t-trawma relatata).

L-inizjattiva se jkollha impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali tat-tfal, inkluż id-dritt tagħhom għas-saħħa fiżika u mentali u d-dritt tagħhom għall-protezzjoni u l-kura kif meħtieġ għall-benesseri tagħhom. L-inizjattiva se jkollha wkoll impatt pożittiv fuq id-drittijiet tas-superstiti adulti ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi ttejjeb il-kumpens, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi.

Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (Regulatory Scrutiny Board, RSB), li kellu laqgħa fit-18 ta' Jannar 2023. Fl-20 ta' Jannar 2023, il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi. Il-Bord indika numru ta' aspetti tal-valutazzjoni tal-impatt li jenħtieġ li jiġu indirizzati. B'mod speċifiku, il-Bord talab kjarifika ulterjuri dwar il-linja bażi dinamika deskritta bħala punt tat-tluq biex jiġu vvalutati d-diversi għażliet u, b'mod partikolari, dwar ir-rwol li għandu f'din il-linja bażi mir-Regolament propost li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Huwa talab li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar il-metodu analitiku u s-suppożizzjonijiet li jirfdu l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, u dwar ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali għall-abbuż sesswali tat-tfal skont il-proposta. Fl-aħħar nett, huwa talab lill-Kummissjoni tinkludi fil-verżjoni finali spjegazzjoni aktar dettaljata tal-kompromessi sottostanti li jinkwadraw il-kuntest għall-għażliet ta' politika u rendikont aktar sistematiku tal-fehmiet tad-diversi kategoriji ta' partijiet ikkonċernati.

Dawn il-kummenti u oħrajn aktar dettaljati tal-Bord ġew indirizzati fil-verżjoni finali tal-valutazzjoni tal-impatt. B'mod partikolari, huwa jiddeskrivi b'mod aktar ċar l-interazzjoni mar-Regolament propost li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, jagħti rendikont aħjar tal-metodoloġija użata biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji, u jespandi fuq l-għażliet ta' politika u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati. Il-kummenti tal-Bord tqiesu wkoll fid-Direttiva riformulata proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-inizjattivi kollha li għandhom l-għan li jirrevedu l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jfittxu li jissimplifikaw u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri. Il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li l-għażla ppreferuta tabilħaqq ikollha piż amministrattiv iżda li dan ikun ikkumpensat mill-impatt pożittiv tal-miżuri fuq il-prevenzjoni tal-abbuż tat-tfal u l-ġlieda kontrih, u l-protezzjoni tal-vittmi ta' dan ir-reat.

L-emendi mmirati għad-Direttiva għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri li jiġġieldu l-kriminalità b'mod effiċjenti, fir-rigward tat-theddid u x-xejriet li tfaċċaw u evolvew f'dawn l-aħħar snin u bi żviluppi teknoloġiċi ġodda. Huwa mistenni li r-regoli ġodda applikabbli għall-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera, kemm f'termini ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, kif ukoll għall-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi.

L-inizjattiva ttejjeb iċ-ċarezza tax-xenarju legali għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Istati Membri kollha. Il-piż regolatorju relatat mal-proposta għandu kamp ta' applikazzjoni limitat, peress li jikkonsisti l-aktar f'titjib fin-normi eżistenti aktar milli f'obbligi kompletament ġodda. L-Istati Membri bħalissa diġà jinvestigaw, jipprosegwixxu u jikkastigaw reati relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal. Il-proposta sempliċiment tintroduċi għadd limitat ta' definizzjonijiet u reati awtonomi relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal, li se jkollhom impatt sinifikanti ħafna fuq il-ġlieda kontra r-reat; tabilħaqq, uħud mill-Istati Membri, għalkemm mhux kollha, diġà adottawhom. Il-biċċa l-kbira tal-piż regolatorju u amministrattiv fuq l-Istati Membri jirriżulta mill-obbligi ta' koordinazzjoni, l-identifikazzjoni ta' parametri referenzjarji ċari, u l-modifiki fil-ġbir tad-*data*. Madankollu, anke f'dan ir-rigward, l-Istati Membri diġà jiġbru *data* dwar l-abbuż tat-tfal, u l-proposta hija maħsuba biex tiżgura aktar konsistenza u trasparenza fil-proċessi eżistenti, u rapportar aħjar.

Ma huwa mistenni l-ebda impatt fuq l-SMEs u l-kompetittività. L-għażliet ta' politika kollha li qed jiġu kkunsidrati jirriżultaw f'kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, aktar milli kostijiet għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ ta' drittijiet fundamentali speċifiċi, b'mod partikolari: id-dritt għad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1); id-dritt għall-integrità tal-persuna (l-Artikolu 3); il-projbizzjoni tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti (l-Artikolu 4); u d-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tivverifika t-traspożizzjoni korretta u effettiva tad-Direttiva riformulata fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kollha. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni se torganizza laqgħat regolari tal-kumitat ta' kuntatt mal-Istati Membri kollha. Perjodikament, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jevalwa l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatt tad-Direttiva riformulata.

Sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-fenomenu tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi għall-ġbir tad-*data* jew punti fokali. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa inkluż l-Artikolu 31, li jobbliga lill-Istati Membri jkollhom sistema fis-seħħ għall-ġbir, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika dwar ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9. Kull 3 snin, l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu stħarriġ ibbażat fuq il-popolazzjoni bl-użu tal-metodoloġija armonizzata tal-Kummissjoni (l-Eurostat) biex jiġbru *data* dwar l-għadd ta' vittmi ta' reati skont id-Direttiva. Fuq din il-bażi, huma jridu jivvalutaw il-prevalenza u x-xejriet tar-reati kollha koperti minn din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (l-Eurostat). Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-*data* amministrattiva fl-UE kollha, l-Istati Membri huma meħtieġa jiġbru *data* amministrattiva fuq il-bażi ta' diżaggregazzjonijiet komuni żviluppati f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u għandhom jittrażmettu din id-*data* liċ-Ċentru tal-UE fuq bażi annwali. Iċ-Ċentru tal-UE jappoġġa lill-Istati Membri fil-ġbir tad-*data* għal reati skont l-Artikoli 3 sa 9, inkluż billi jistabbilixxi standards komuni dwar l-unitajiet tal-għadd, ir-regoli tal-għadd, id-diżaggregazzjonijiet komuni, il-formati tar-rapportar, u dwar il-klassifikazzjoni ta' reati kriminali. L-istatistika miġbura mill-Istati Membri għandha tiġi trażmessa liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni, u l-istatistika miġbura għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq bażi annwali. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri huma meħtieġa jappoġġaw ir-riċerka dwar il-kawżi ewlenin, l-effetti, l-inċidenzi, il-miżuri effettivi ta' prevenzjoni, il-miżuri effettivi ta' assistenza għall-vittmi, u r-rati ta' kundanna għall-forom ta' reati koperti mill-proposta.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Minħabba li l-proposta fiha għadd akbar ta' obbligi legali meta mqabbla mad-Direttiva eżistenti, se jkun hemm bżonn ta' dokumenti ta' spjegazzjoni, inkluża tabella ta' korrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali u d-Direttiva, li jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Dan biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' traspożizzjoni li l-Istati Membri żiedu mal-leġiżlazzjoni eżistenti jkunu identifikabbli b'mod ċar.

Il-miżuri adottati għat-traspożizzjoni ta' din il-proposta x'aktarx li ma jkunux limitati għal test legali wieħed. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu dokument ta' spjegazzjoni li jikkomunika lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet adottati fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Għandu juri wkoll kif tali dispożizzjonijiet jinteraġixxu mad-dispożizzjonijiet li kienu diġà ġew adottati għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE u mad-dispożizzjonijiet koperti minn politiki rilevanti oħra tal-UE.

Il-Kummissjoni qed tħejji linji gwida għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' prevenzjoni u assistenza għall-vittmi u dawn se jkunu disponibbli għall-Istati Membri fi żmien debitu. Sabiex l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi oħra jiġu appoġġati b'mod aktar wiesa' biex jistabbilixxu inizjattivi ta' prevenzjoni effettivi għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati kontra t-tfal, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ippubblika r-rapport "Help Seeker and Perpetrator Prevention Initiatives — Child Sexual Abuse and Exploitation" (Inizjattivi ta' Prevenzjoni ta' Help Seeker u Awturi — Abbuż u Sfruttament Sesswali tat-Tfal)[6]. Din il-ħidma tipprovdi l-bażi għal passi lejn l-iżvilupp ta' pjattaforma tal-IT tal-UE li tiġbor inizjattivi ta' prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal, li se tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE u lil partijiet ikkonċernati oħra fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' prevenzjoni mfassla apposta skont l-ambjenti u l-ħtiġijiet kulturali u soċjetali rispettivi tagħhom.

[6] Help seeker and Perpetrator Prevention Initiatives - Child Sexual Abuse and Exploitation, ISBN 978-92-76-60601-7, doi:10.2760/600662, JRC131323, 2023

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fid-Direttiva kollha, it-terminoloġija użata ngiebet f'konformità ma' standards internazzjonali rikonoxxuti bħal-Linji Gwida ta' Terminoloġija għall-Protezzjoni tat-Tfal minn Sfruttament Sesswali u Abbuż Sesswali adottati mill-Grupp ta' Ħidma bejn l-Aġenziji fil-Lussemburgu fit-28 ta' Jannar 2016[7].

Qed jiġu proposti l-bidliet li ġejjin:

Artikolu 2: L-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ta' spiss ikun l-ewwel pass lejn abbużi konkreti, irrispettivament minn jekk ikunx juri abbuż u sfruttament reali jew realistiku[8]. L-iżvilupp ta' kuntesti tar-realtà awmentata, estiża u virtwali u l-possibbiltà li l-intelliġenza artifiċjali tintuża ħażin biex jinħolqu "deepfakes", jiġifieri materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal maħluq b'mod sintetiku, diġà estenda d-definizzjoni ta' "immaġni", peress li tali materjali jistgħu jagħmlu użu minn avatars inkluż minn feedback sensorjali, eż. permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess. L-emendi tal-Artikolu 2(3)(d) huma maħsuba biex jiżguraw li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi b'mod teknoloġikament newtrali biżżejjed u li jkun għalhekk validu għall-futur. Barra minn hekk, hemm manwali fiċ-ċirkolazzjoni li jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, kif isir grooming tat-tfal u kif jiġu abbużati t-tfal; dwar kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat, investigat u pprosegwit; u dwar kif l-aħjar jinħbew il-materjali. Billi jitnaqqsu l-ostakli u jiġi pprovdut l-għarfien meħtieġ, dawn il-manwali, magħrufa bħala "manwali pedofili", jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali, u għalhekk jenħtieġ li jiġu kriminalizzati wkoll. L-Artikolu 2 jinkludi wkoll definizzjoni ta' pari, bħala persuni, inkluż kemm tfal kif ukoll adulti, li huma qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika.

Artikolu 3: l-emendi tal-Artikolu 3 huma maħsuba biex jiżguraw konsistenza bejn il-livell ta' pieni previst mill-proposta u dak previst fir-rigward ta' reati analogi, fid-Direttiva (UE).../... [*proposta ta' Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*]. Dan jinkludi emenda li tkopri wkoll l-att li jwassal lit-tfal li ma jkunux laħqu l-età tal-kunsens sesswali biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra f'sitwazzjonijiet barra mill-kuntest ta' mġiba li ġġiegħel, tisforza jew thedded.

Artikolu 4: Il-livell ta' penali għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal fejn isir rikors għall-prostituzzjoni tat-tfal (l-Artikolu 4(7)) jiżdied għal 8 snin meta jkun jirrigwarda tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali, u għal 4 snin meta t-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali. Din iż-żieda hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-acquis reċenti, inkluża d-Direttiva (UE).../... [*proposta ta' Direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*].

Artikolu 5: Hemm interess pubbliku fl-appoġġ tal-ħidma tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-hotlines INHOPE, li jirċievu rapporti mill-pubbliku dwar materjali ta' abbuż sesswali tat-tfal u li jiffaċilitaw it-tneħħija ta' tali materjali u l-investigazzjoni tar-reat. Meta dawn l-organizzazzjonijiet, li jaġixxu fl-interess pubbliku, jirrieżaminaw u janalizzaw jew b'xi mod ieħor jipproċessaw materjal li jikkostitwixxi stampi jew vidjos ta' abbuż sesswali tat-tfal għall-finijiet ta' tneħħija jew investigazzjoni, tali pproċessar jenħtieġ li ma jiġix kkriminalizzat. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-definizzjoni tar-reati korrispondenti tiġi limitata skont dan, billi jiġi ċċarat li tali pproċessar

[7] Terminology Guidelines for the Protection of Children from Sexual Exploitation and Sexual Abuse, 2016
[8] Protect Children, CSAM Users in the Dark Web: Protecting Children Through Prevention, 2021.

ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt" meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti.

Artikolu 6: il-bidliet fl-Artikolu 6 jiżguraw li l-forom kollha ta' sollecitazzjoni online, inkluża s-sollecitazzjoni mmirata lejn it-twettiq ta' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal f'kuntest online, jiġu kriminalizzati fl-Istati Membri kollha.

Artikolu 7: l-Artikolu 7 l-ġdid huwa maħsub biex jiżgura li l-Istati Membri kollha jikkriminalizzaw, u jipprevedu investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi tar-reat ta' abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' livestream. Dan ra żieda konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin u qajjem sfidi investigattivi speċifiċi, marbuta man-nuqqas ta' permanenza tal-abbuż waqt livestream u n-nuqqas konsegwenti ta' evidenza disponibbli għall-korpi investigattivi.

Artikolu 8: l-Artikolu 8 l-ġdid, billi jikkriminalizza l-imġiba ta' tmexxija ta' infrastruttura online għall-fini li tippermetti jew tinkoraġġixxi l-abbuż jew l-isfruttament sesswali tat-tfal, huwa maħsub biex jindirizza r-rwol tad-dark web fil-ħolqien ta' komunitajiet ta' trasgressuri jew trasgressuri potenzjali u fit-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Artikolu 10: l-emendi tal-Artikolu 10 huma maħsuba biex jiċċaraw l-ambigwitajiet attwali fit-test tad-Direttiva, inkluż billi jiżguraw li l-eżenzjoni mill-kriminalizzazzjoni għal attivitajiet sesswali kunsenswali tinftiehem b'mod korrett bħala li tapplika biss għal materjal prodott u li jkun fil-pussess bejn it-tfal jew bejn il-pari, aktar milli bejn tfal li għandhom aktar mill-età ta' kunsens sesswali u adult ta' kwalunkwe età.

Artikolu 12: l-emendi tal-Artikolu 12 huma maħsuba biex jindirizzaw ir-riskji li t-trasgressuri jkunu jistgħu jerġgħu jiksbu aċċess għat-tfal permezz ta' impjieg jew attivitajiet volontarji. Huma jistabbilixxu rekwiżit għall-impjegaturi li jirreklutaw għal attivitajiet professjonali u volontarji li jinvolvu kuntatt mill-qrib mat-tfal u li jirreklutaw għal organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, biex jitolbu r-rekords kriminali tal-persuni li jiġu reklutati. Huwa jobbliga wkoll lill-Istati Membri jipprovdu rekords kriminali kompluti kemm jista' jkun, bi tweġiba għal tali talbiet, bl-użu tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali kull meta jkun rilevanti u kwalunkwe sors xieraq ieħor ta' informazzjoni.

Artikolu 14: dan l-Artikolu li jirregola s-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi ġie modifikat biex jiġi allinjat mal-acquis reċenti, billi estenda l-lista ta' eżempji ta' sanzjonijiet possibbli biex tkun tinkludi referenza espliċita għall-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku u billi inkluda metodoloġija armonizzata għall-kalkolu tal-multi minimi. B'mod speċifiku, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ġuridiċi li jibbenefikaw mit-twettiq minn oħrajn ta' reati bi ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jkunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f'korrelazzjoni mas-severità tar-reat kif iddefinit mil-livell minimu ta' penali massima tiegħu, li ma jkunx inqas minn 1, rispettivament 5, fil-mija tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena kummerċjali ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi ma teskludix il-possibbiltà ta' proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li jkunu l-awturi tar-reati kriminali speċifikati f'din id-Direttiva.

Artikolu 15: l-emendi introdotti jikkompletaw u jiċċaraw is-sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri huma intitolati li ma jipproċedux jew ma jimponux penali kontra tfal vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali għall-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet kriminali, li jkunu ġew imġiegħla jwettqu, li jkopru wkoll id-distribuzzjoni, l-offerta, il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Il-premessa korrispondenti ġiet emendata biex tiċċara li t-terminu "sfurzat" għandu jinftiehem ukoll bħala li jkopri wkoll tħajjir, mingħajr forza jew koerċizzjoni.

Artikolu 16: l-emendi tal-Artikolu 16(2) huma maħsuba biex jiżguraw li l-istatuti ta' limitazzjonijiet ma jkunux jistgħu jibdew jiddekorru qabel ma l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u biex jistabbilixxu statuti minimi ta' limitazzjonijiet biex il-vittma tkun tista' tfittex ġustizzja b'mod effettiv. L-emendi jimponu l-istandards minimi li ġejjin fir-rigward tat-tul tal-istatuti tal-limitazzjonijiet:

– Għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun ta' mill-inqas 20 sena. Mill-età maġġuri 'l quddiem, dan ifisser li l-istatut tal-limitazzjonijiet ma jiskadix sakemm il-vittma jkollha mill-inqas 38 sena.

– Għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin, il-perjodu ta'limitazzjoni għandu jkun ta' mill-inqas 25 sena. Mill-età maġġuri 'l quddiem, dan ifisser li l-istatut tal-limitazzjonijiet ma jiskadix sakemm il-vittma jkollha mill-inqas 43 sena.

– Għal reatipunibbli skont id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun ta' mill-inqas 30 sena. Mill-età maġġuri 'l quddiem, dan ifisser li l-istatut tal-limitazzjonijiet ma jiskadix sakemm il-vittma jkollha mill-inqas 48 sena.

Ir-raġunament wara l-approċċ propost għall-istatuti tal-limitazzjonijiet huwa kif ġej:

– Ir-riċerka wriet li l-vittmi tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun seħħ l-abbuż. Il-ħtieġa li tingħeleb il-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm fil-konfront tal-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, it-theddid jew it-tort tal-imġiba mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma, twassal biex il-biċċa l-kbira tal-vittmi ma jkunux jistgħu jitkellmu dwar id-delitt, aħseb u ara li jirrapportaw, lil awtorità għal għexieren ta' snin[9].

– Studju attwali juri li, bħala medja, jgħaddu bejn 17,2 u 21,4 sena qabel ma s-superstiti tal-abbuż sesswali tat-tfal jgħidu lil xi ħadd dwar l-esperjenzi tagħhom. Madwar 60-70 % tas-superstiti ma jiżvelaw xejn qabel ma jkunu adulti, u 27,8 % tas-superstiti ma jgħidu lil ħadd[10]. L-età u l-ġeneru huma indikaturi qawwija għad-dewmien fl-iżvelar jew in-nuqqas ta' żvelar, b'xejriet li juru inqas żvelar minn tfal u subien iżgħar[11].

– Bħalissa, l-istatuti tal-limitazzjonijiet ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri. Xi wħud minnhom abolixxew l-istatuti kriminali ta' limitazzjonijiet kompletament għar-reati kollha koperti mid-Direttiva jew għall-biċċa l-kbira minnhom. Xi oħrajn għandhom statuti qosra ħafna ta' limitazzjonijiet, li jiskadu qabel ma l-vittma tilħaq l-età ta' 40 sena għar-reati kollha koperti mid-Direttiva jew għall-biċċa l-kbira minnhom. Grupp ieħor ta' Stati Membri jżomm statuti ta' limitazzjonijiet li jiskadu wara li l-vittma

9 Ara pereżempju: McElvaney et al., Child sexual abuse disclosures: Does age make a difference?, *Child Abuse & Neglect*, 2020, Vol. 99 (2020), p. 6; Australian Royal Commission into Institutional Responses to Child Sexual Abuse, *Final Report Volume 4 - Identifying and disclosing child sexual abuse*, 2017, p. 77.

10 J.E. Halvorsen, E. Tvedt Solberg & S. Hjelen Stige, ''To say it out loud is to kill your own childhood.' – An exploration of the first person perspective of barriers to disclosing child sexual abuse, *Children and Youth Services Review* Vol. 113 (2020), p. 2.

11 R. Alaggia, D. Collin-Vézin & R. Lateef, Facilitators and Barriers to Child Sexual Abuse (CSA) Disclosures: A Research Update (2000--2016), *Trauma, Violence & Abuse* 2019, Vol. 2 (2020), p 276.

tkun laħqet l-età ta' 40 sena għar-reati kollha koperti mid-Direttiva jew għall-biċċa l-kbira minnhom.

– Dawn id-differenzi fost l-Istati Membri jwasslu għal aċċess inugwali għall-ġustizzja għall-vittmi fl-UE, fir-rigward tal-possibbiltà li r-reati rilevanti jiġu prosegwiti, u li jinkiseb kumpens. Barra minn hekk, l-awturi jistgħu jieħdu vantaġġ mis-sistema u jaħarbu mill-prosekuzzjoni billi jirrilokaw lejn xi mkien fejn l-istatuti tal-limitazzjonijiet ikunu iqsar u, għalhekk, ikunu skadew. Din is-sitwazzjoni toħloq ir-riskju li t-trasgressuri potenzjali jkunu jistgħu jaħarbu mill-prosekuzzjoni u jkomplu joħolqu periklu għat-tfal għal għexieren ta' snin.

– Fl-isfond ta' dan ta' hawn fuq, jidher ċar li investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, u assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat, mingħajr ma jkunu pprojbiti milli jaraw li titnieda investigazzjoni, sa żmien tard biżżejjed fil-ħajja.

L-emendi tal-Artikoli 16(3) sa (5) huma maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi investigattivi, b'mod partikolari, dawk marbuta mal-użu tat-teknoloġiji online, li ħarġu fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-Direttiva u tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati relatati. Huma jesiġu lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipproċedu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli minn 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi, inkluż il-possibbiltà li jwettqu investigazzjonijiet undercover fid-dark web.

Artikolu 17: in-nuqqas ta' rapportar tal-abbuż sesswali tat-tfal għadu jikkostitwixxi sfida kbira fl-isforzi biex jitwaqqaf l-abbuż sesswali tat-tfal u biex jiġi evitat aktar abbuż sesswali, fost l-oħrajn minħabba li l-edukaturi u l-fornituri tal-kura tas-saħħa, kif ukoll professjonisti oħra li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal, jistgħu joqogħdu lura milli jallegaw li xi ħadd – potenzjalment kollega jew pari – wettaq abbuż sesswali tat-tfal. L-Artikolu 17(3) ġie emendat biex jistabbilixxi obbligu ta' rapportar, sabiex jipprovdi ċertezza legali lil tali professjonisti, filwaqt li l-Artikolu 17(4) jiżgura li l-professjonisti fis-settur tal-kura tas-saħħa li jaħdmu ma' trasgressuri jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati jiġu esklużi minn tali obbligu ta' rapportar.

Artikolu 18: dan l-Artikolu jibni fuq id-drittijiet tal-vittmi skont l-Artikoli 5 u 5a tad-Direttiva (UE) 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi) [kif emendata mill-proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi] fir-rigward tar-rapportar ta' reati, biex jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli kanali ta' rapportar faċilment aċċessibbli u mfassla apposta għat-tfal.

Artikolu 21: dan l-artikolu jespandi d-disponibbiltà tal-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi [kif emendata mill-proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi] biex jiġi żgurat li t-tfal jirċievu l-kura meħtieġa u xierqa għall-età tagħhom. Sabiex jappoġġa l-iżvilupp u l-espansjoni tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri kollha, ladarba jiġi stabbilit iċ-Ċentru tal-UE jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri billi jiġbor informazzjoni dwar il-miżuri u l-programmi disponibbli u jagħmel tali informazzjoni disponibbli b'mod wiesa'.

Artikolu 22: dan l-Artikolu huwa emendat biex jiżgura li l-eżamijiet mediċi ta' tfal vittmi għall-finijiet tal-proċediment kriminali, li jistgħu jittrawmatizzaw it-tfal mill-ġdid, ikunu limitati għal dawk strettament meħtieġa u mwettqa minn professjonisti mħarrġa kif xieraq.

Artikolu 23: dan l-artikolu l-ġdid isaħħaħ il-pożizzjoni tal-vittmi u tas-superstiti tal-abbuż sesswali tat-tfal billi jsaħħaħ id-dritt tagħhom li jitolbu kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab b'rabta ma' reati ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż id-danni kkawżati mit-tixrid online ta' materjal li jikkonċerna l-abbuż. Dan isaħħaħ l-istandards minimi tal-UE fir-rigward kemm tal-perjodu ta' żmien biex jintalab kumpens kif ukoll tal-elementi li għandhom jitqiesu meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' kumpens. Dan iwessa' wkoll, fir-rigward tal-istandards minimi tal-UE fl-ambitu tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-għadd ta' persuni u entitajiet li jridu jitqiesu responsabbli għall-għoti ta' tali kumpens, inkluż il-persuni ġuridiċi u, meta xieraq, minn skemi ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.

Artikolu 24: dan l-artikolu l-ġdid jindirizza l-isfidi marbuta man-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-isforzi nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, billi jesiġi li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali inkarigati minn tali koordinazzjoni, u mill-ġbir tad-*data* f'kull Stat Membru.

Artikolu 25: dan l-Artikolu l-ġdid jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa biex jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn diversi aġenziji u diversi partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali fost il-partijiet rilevanti kollha involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline.

Artikolu 26: it-titolu ta' dan l-artikolu u l-premessi li jakkumpanjaw dan l-artikolu ġew aġġornati biex tintuża t-terminoloġija rakkomandata fil-Linji Gwida ta' Terminoloġija għall-Protezzjoni tat-Tfal minn Sfruttament Sesswali u Abbuż Sesswali[12] fir-rigward tat-terminu użat qabel "turiżmu tas-sess mat-tfal".

Artikolu 27: l-emendi li saru fl-ewwel paragrafu jiċċaraw li jenħtieġ li l-programmi ta' prevenzjoni għall-persuni li jkollhom il-biża' li jistgħu jwettqu reat ikunu ddedikati għal dak il-grupp ta' persuni u li l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għalihom. Il-paragrafu 2 ġdid għandu l-għan li jiżgura l-aċċessibbiltà ta' dawn il-programmi u b'mod partikolari li jkun konformi mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa.

Artikolu 28: l-emendi li saru għandhom l-għan li jiċċaraw aktar it-tipi ta' programmi ta' prevenzjoni li jistgħu jitqiesu li jnaqqsu l-probabbiltà li t-tfal isiru vittma (il-paragrafu 1) u li persuna twettaq reat (il-paragrafu 2). Eżempji addizzjonali ġew miżjuda mal-premessi korrispondenti. L-Artikolu jesiġi li l-Istati Membri jippromwovu taħriġ regolari mhux biss għall-uffiċjali tal-pulizija tal-ewwel linja li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali, iżda wkoll għall-imħallfin u l-professjonisti rilevanti l-oħra, biex tiġi żgurata ġustizzja adattata għat-tfal. Huwa jobbliga lill-Istati Membri jaħdmu fuq il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal kemm online kif ukoll offline u jesiġi li huma jadottaw programmi speċifiċi ta' prevenzjoni ddedikati għat-tfal f'ambjenti komunitarji, minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom. Fl-aħħar nett, l-emendi jattribwixxu rwol kruċjali ta' ċentru ta' koordinazzjoni u għarfien f'dan ir-rigward liċ-Ċentru futur tal-UE.

[12] Terminology Guidelines for the Protection of Children from Sexual Exploitation and Sexual Abuse, adottat mill-Grupp ta' Ħidma bejn l-Aġenziji fil-Lussemburgu, it-28 ta' Jannar 2016.

Artikolu 31: dan l-artikolu l-ġdid jobbliga lill-Istati Membri jiġbru perjodikament statistika dwar ir-reati inklużi fid-Direttiva skont metodoloġija komuni żviluppata f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE, jikkondividu dik l-istatistika maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku. Min-naħa tiegħu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor l-istatistika kollha riċevuta u jagħmel il-kompilazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 32: dan l-artikolu l-ġdid dwar ir-rapportar jissostitwixxi dak preċedenti u jistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar għall-Kummissjoni kull 5 snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Artikolu 33: l-emendi f'dan l-artikolu jiċċaraw id-dispożizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu trasposti mill-Istati Membri, jiġifieri dawk li ġew emendati meta mqabbla mad-Direttiva 2011/93.

Artikolu 34: dan l-Artikolu l-ġdid iħassar id-Direttiva 2011/93/UE u jiċċara l-obbligi ta' traspożizzjoni tal-proposta ta' Direttiva kontra d-Direttiva 2011/93/UE.

Artikolu 35: dan l-artikolu l-ġdid jistabbilixxi d-dati tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Jistabbilixxi wkoll id-data tad-dħul fis-seħħ għall-maġġoranza tad-Direttiva, u d-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet li jirreferu għaċ-Ċentru tal-UE, li jiddependu mid-data tal-istabbiliment taċ-Ċentru tal-UE li bħalissa qed tiġi diskussa fin-negozjati interistituzzjonali tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Artikolu 36: l-emenda f'dan l-artikolu hija limitata biex tħalli l-post u d-data tal-adozzjoni miftuħa, li għandhom jiġu speċifikati fi stadju aktar tard.

---

⇩ ġdid

2024/0035 (COD)

---

🡻 2011/93/UE

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Jenħtieġ li jsiru għadd ta' emendi għad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva tiġi riformulata.

---

🡻 2011/93/UE premessa 1 (adattat)

(2) L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal ~~inkluża l-pornografija~~ ⌦ inkluż il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal għal protezzjoni u kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[14].

---

🡻 2011/93/UE premessa 2 (adattat)

⇨ ġdid

(3) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li fl-Artikolu 24(2) tagħha tiddisponi li fl-azzjonijiet kollha marbutin mat-tfal, meħudin kemm mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mill-istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom dejjem ikunu kunsiderazzjoni primarja. Barra minn hekk, ~~il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini (4)~~ ⇨ l-Istrateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal tagħti[15] ⇦ prijorità ċara ⌦ biex tintensifika l-ġlieda ⌫ ~~lill-ġlieda~~ kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u~~l-pedopornografija~~ ⇨ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż b'azzjonijiet bil-għan li tkompli tiġi żgurata l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, jekk hemm bżonn bl-aġġornament tagħha. Dan huwa appoġġat ukoll mill-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal fl-objettiv tagħha li tiġġieled il-vjolenza kontra t-tfal u tiżgura ġustizzja mfassla apposta għat-tfal ⇦.

---

13 Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj).

14 ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

15 COM (2020) 607, 24.07.2020.

| ⬇ 2011/93/UE premessa 3 (adattat) |
|---|

(4) ~~Il-pedopornografija~~ ⌦ Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ u forom oħra ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal partikolarment serji qed jiżdiedu u jinfirxu permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tal-Internet.

| ⬇ 2011/93/UE premessa 4 (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

(5) ~~Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal (5) tqarreb il-leġislazzjoni tal-Istati Membri sabiex tikkriminalizza l-aktar forom serji ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, biex testendi l-ġurisdizzjoni domestika, u biex tipprevedi livell minimu ta' assistenza għall-vittmi.~~ ~~Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri krminali tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u għal kumpens.~~ ⇨ Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi għall-vittmi kollha tar-reati kollha, inkluż għal tfal vittmi ta' abbuż sesswali. Dawn id-drittijiet jinkludu d-dritt għall-informazzjoni, id-drittijiet għall-appoġġ u l-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tal-vittmi, sett ta' drittijiet proċedurali u dritt għal deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur. Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tkompli ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità fl-UE, inkluż it-tisħiħ tad-dritt għall-appoġġ u l-protezzjoni għat-tfal vittmi tal-kriminalità[17]. Din id-Direttiva tibni fuq id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u hija applikabbli flimkien magħha. ⇦ Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali tat-tfal u ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ~~ser tiġi~~ ⌦ hija ⌫ ffaċilitata bl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI ~~tat-30 ta' Diċembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali~~[18]. ⇨ Meta l-prosekuzzjoni ta' każijiet bħal dawn taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jikkoperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jipprosegwixxi. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jiddeċiedu, wara kooperazzjoni jew konsultazzjonijiet diretti skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[19], li

[16] Id-Direttiva 2012/29 UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012, li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

[17] COM(2023) 424 final, 12.07.2023.

[18] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj).

[19] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj).

jiċċentralizzaw il-proċedimenti kriminali fi Stat Membru wieħed permezz tat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, jenħtieġ li r-Regolament (UE) …/… [Regolament propost dwar it-trasferiment tal-proċedimenti fi kwistjonijiet kriminali][20] jintuża għal tali trasferiment. ⇦

---

🡻 2011/93/UE premessa 5

(6) F'konformità mal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Partijiet Statali Kontraenti jintrabtu li jipproteġu lit-tfal mill-forom kollha ta' sfruttament sesswali u abbuż sesswali. Il-Protokoll Fakultattiv tal-2000 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, dwar il-Bejgħ ta' Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal u, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni tal-2007 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali huma passi kruċjali fil-proċess biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.

---

🡻 2011/93/UE premessa 6 (adattat)

⇨ ġdid

(7) Reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali ⌫ jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni ta' tfal vittmi, u l-prevenzjoni tal-fenomenu ⇨ , inkluż l-evoluzzjoni u x-xejriet reċenti u prevedibbli tiegħu, li dejjem aktar jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji online. Għal dak il-għan, il-qafas legali attwali jeħtieġ li jiġi aġġornat, sabiex jiġi żgurat li huwa jibqa' effettiv ⇦. L-aħjar interessi tat-tfal ~~għandhom~~ iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura għall-ġlieda kontra dawn ir-reati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. ~~Sabiex jintlaħaq dak il-għan, id-Deċiżjoni 2004/68/ĠAI teħtieġ tiġi sostitwita bi strument ġdid li jipprovdi tali qafas legali komprensiv.~~

---

🡻 2011/93/UE premessa 7 (adattat)

(8) Din id-Direttiva ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun kompletament komplementari għad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI[21]~~, billi xi vittmi tat-traffikar tal-bnedmin kienu wkoll tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew sfruttament sesswali.

---

[20] COM(2023) 185 final.

[21] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj)

🡻 2011/93/UE premessa 8 (adattat)

(9) Fil-kuntest tal-kriminalizzazzjoni ta' atti marbutin ~~mal-prestazzjoni pornografika~~ ⌦ mat-twettiq ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, din id-Direttiva tirreferi għal tali atti li jkunu jikkonsistu f'wirja live organizzata, immirata għal udjenza, u b'hekk tiġi eskluża mid-definizzjoni l-komunikazzjoni personali wiċċ imb wiċċ bejn dawk tampar xulxin li jagħtu l-kunsens sesswali, kif ukoll it-tfal li jkunu akbar mill-età tal-kunsens u msieħbin tagħhom.

🡻 2011/93/UE premessa 9 (adattat)

⇨ ġdid

(10) ~~Il-pedopornografija~~ ⌦ Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ħafna drabi jinkludi ~~xbihat~~ ⌦ stampi ⌫ li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ~~xbihat ta'~~ tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, u tali ~~xbihat~~ ⌦ stampi ⌫ jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati bil-għarfien tat-tifel/tifla jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ikopri wkoll ~~ix-xbihat~~ ⌦ stampi ⌫ realistiċi ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu ~~mdaħħlin~~ ⌦ involuti ⌫ jew rappreżentati bħala ~~mdaħħlin~~ ⌦ involuti ⌫ f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali ⇨ , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili" ⇦ .

⇩ ġdid

(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti

għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

---

⬇ 2011/93/UE premessa 10

(13) Id-diżabbiltà, waħidha, ma tikkostitwixxix awtomatikament impossibbiltà li jkun hemm kunsens għal relazzjonijiet sesswali. Madankollu, l-abbuż tal-eżistenza ta' tali diżabbiltà sabiex wieħed jieħu sehem f'attivitajiet sesswali mat-tfal ~~għandu~~ jenħtieġ li jiġi kkriminalizzat.

---

⬇ 2011/93/UE premessa 11 (adattat)

(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. ~~Għandu jittieħed kont tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 u l-25 ta' April 2002 dwar l-approċċ li għandu jiġi applikat fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-pieni, li jindika erba' livelli ta' pieni, fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona.~~ Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li normalment ~~għandu~~ jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni.

---

⬇ 2011/93/UE premessa 12 (adattat)

⇨ ġdid

(15) Il-forom serji ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu soġġetti għal pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dan jinkludi, b'mod partikolari, diversi forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal iffaċilitat mill-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bħas-sollecitazzjoni bl-Internet ta' tfal għal skopijiet sesswali permezz ta' networks soċjali u ta' chat rooms. Id-definizzjoni ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun iċċarata u allinjata aktar qrib għal dik li jinsab fi strumenti internazzjonali. ⇨ B'mod aktar wiesa', jenħtieġ li t-terminoloġija użata f'din id-Direttiva tinġieb konformi ma' standards internazzjonali rikonoxxuti bħal-Linji Gwida ta' Terminoloġija għall-Protezzjoni tat-Tfal minn Sfruttament Sesswali u Abbuż Sesswali adottati mill-Grupp ta' Ħidma bejn l-Aġenziji fil-Lussemburgu fit-28 ta' Jannar 2016. ⇦

↓ 2011/93/UE premessa 13

(16) It-terminu massimu ta' priġunerija previst f'din id-Direttiva għar-reati msemmija fiha ~~għandha tapplika~~ jenħtieġ li japplika mill-anqas għall-aktar forom serji ta' tali reati.

---

↓ 2011/93/UE premessa 14 (adattat)

(17) Sabiex jintlaħaq it-terminu massimu ta' priġunerija previst f'din id-Direttiva għal reati li jikkonċernaw l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, l-Istati Membri, b'kont meħud tal-liġi nazzjonali tagħhom, jistgħu jikkombinaw it-termini ta' priġunerija previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward ta' dawk ir-reati.

---

↓ 2011/93/UE premessa 15 (adattat)

⇨ ġdid

(18) Din id-Direttiva ⇨ jenħtieġ li ⇦ tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu għal pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫. ⇨ Jenħtieġ li ⇦ din id-Direttiva ⌦ ma ⌫ toħloq~~x~~ l-ebda obbligu fir-rigward tal-applikazzjoni ta' pieni bħal dawn, jew kwalunkwe sistema disponibbli oħra tal-infurzar tal-liġi, f'każijiet individwali.

---

↓ 2011/93/UE premessa 16

(19) B'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn ir-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu kommessi bl-iskop ta' gwadann finanzjarju, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw li jiddisponu għall-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' pieni finanzjarji oltre għall-priġunerija.

---

↓ 2011/93/UE premessa 17 (adattat)

⇨ ġdid

(20) Fil-kuntest ~~tal-pedopornografija~~ ⌦ tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, it-terminu ⌦ "ma għandux jitqies li twettaq ⌫ "mingħajr dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal ~~pornografiku~~ ⇨ li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⇦ li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu ~~tal-pedopornografija~~ ⌦ tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu

proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati ⇨ , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. ⇦ Barra minn hekk, ⌦ it-terminu "mingħajr dritt" ⌫ ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi~~, pereżempju meta l-hotlines telefoniċi jew bl-Internet iwettqu attivitajiet biex jirrapportaw dawk il-każijiet~~.

---

↓ 2011/93/UE premessa 18
(adattat)

(21) L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ~~għall-pedopornografija~~ ⌦ għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ~~għandu~~ jenħtieġ li jiġi kkriminalizzat. Sabiex titqies responsabbli, il-persuna ~~għandha~~ jenħtieġ li jkollha kemm l-intenzjoni li tidħol f' ⌦ post online ⌫ ~~sit~~ fejn ~~il-pedopornografija tkun~~ ⌦ il-materjal ta' abbuż sesswali jkun ⌫ disponibbli kif ukoll tkun taf li tali ⌦ materjal ⌫ ~~immaġni~~ jista' jinsab hemm. ~~M'għandhomx~~ Jenħtieġ li ma jiġux applikati pieni lil persuni li bi żvista jaċċessaw ~~siti~~ ⌦ postijiet online ⌫ li jkun fihom ~~il-pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫. In-natura intenzjonata tar-reat tista' tkun dedotta b'mod partikolari mill-fatt li dan ikun rikorrenti jew li r-reati jkunu saru permezz ta' servizz li għalih ikun sar ħlas.

---

↓ 2011/93/UE premessa 19
(adattat)
⇨ ġdid

(22) Is-sollecitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. ⇨ Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. ⇦ Fl-istess waqt, l-Istati Membri

jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ta' tifel/tifla barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali sollecitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-sollecitazzjoni ta' tifel/tifla għal laqgħa mal-akkużat għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità tat-tifel/tifla, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiżguraw li jipprosegwixxu kontra ~~l-perpetraturi~~ ⌦ l-awturi ⌫ ta' tali reati.

---

⇩ ġdid

(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-sollecitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew skambji f'settings ta' realtà miżjuda, estiża jew virtwali, kif ukoll sollecitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.

---

🡻 2011/93/UE premessa 20 (adattat)

⇨ ġdid

(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. ~~Dawn il-kwistjonijiet mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~ L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, ~~għandom~~ jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. ⇨ B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età). ⇦

🡻 2011/93/UE premessa 21

(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jipprovdu għal ċirkostanzi aggravanti fil-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. Huma jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiżguraw li dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti jkunu disponibbli biex l-imħallfin jikkunsidrawhom meta jagħtu sentenzi fir-rigward ta' trasgressuri, għalkemm m'hemm l-ebda obbligu fuq l-imħallfin biex japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti. Iċ-ċirkostanzi aggravanti ~~ma għandhomx ikunu~~ jenħtieġ li ma jkunux previsti mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali meta jkunu irrelevanti b'kont meħud tan-natura tar-reat speċifiku. Ir-relevanza tad-diversi ċirkostanzi aggravanti previsti f'din id-Direttiva ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi evalwata fil-livell nazzjonali għal kull wieħed mir-reati msemmija f'din id-Direttiva.

🡻 2011/93/UE premessa 22

(26) L-inkapaċità fiżika jew mentali skont din id-Direttiva ~~għandha~~ jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi u l-alkoħol.

🡻 2011/93/UE premessa 23 (adattat)
⇨ ġdid

(27) Fil-ġlieda kontra l-isfruttament tat-tfal, ~~għandu~~ jenħtieġ li jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar il-qbid u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transkonfinali[22] u l-Protokolli tagħha, il-Konvenzjoni tal-1990 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil, it-Tiftix, il-Qbid u l-Konfiska tar-Rikavat mill-Kriminalità, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI ~~tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità~~[23], ~~u~~ id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI ~~tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska tar-Rikavat, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità~~[24] ⇨ , u d-Direttiva [.../.../...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] ⇦. ~~Għandu~~ Jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu tal-mezzi strumentali maqbuda u kkonfiskati u tal-qligħ mir-reati msemmija f'din id-Direttiva sabiex ikun hemm appoġġ għall-għajnuna lill-vittmi u għall-protezzjoni tagħhom.

22 ĠU L 261, 6.8.2004, p. 70.
23 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2001/500/oj).
24 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2005/212/oj).
25 COM(2022) 245, 25.5.2022.

➔ 2011/93/UE premessa 24 (adattat)

⇨ ġdid

(28) Għandha Jenħtieġ li tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja għall-vittmi tar-reati msemmijin f'din id-Direttiva. ⇨ Pereżempju, u mingħajr ma jiġu affettwati s-salvagwardji previsti fid-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], fi ⇦ . Fl-Istati Stati Membri fejn il-prostituzzjoni jew il-preżenza f'pornografija hija punibbli, skont id-dritt kriminali nazzjonali, għandu jenħtieġ li jkun possibbli li ma ssirx prosekuzzjoni jew li jiġu imposti pieni skont dawn il-liġijiet fejn it-tfal ikkonċernati jkunu wettqu dawn l-atti minħabba li kienu vittmi ta' sfruttament sesswali jew fejn it-tfal ġew imġiegħla jipparteċipaw fil-pedopornografija ⇨ fil-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-terminu "mġiegħla" jenħtieġ li jinftiehem f'dan il-każ bħala li jkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn il-minuri jkunu ġew imħajra li jaġixxu, mingħajr ma jkunu ġew furzati jew imġiegħla, minbarra sitwazzjonijiet fejn it-tfal ġew furzati jew imġiegħla jaġixxu. ⇦

➔ 2011/93/UE premessa 25

(29) Bħala strument tal-approssimazzjoni tal-liġi kriminali, din id-Direttiva tipprevedi livelli ta' pieni li għandhom jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-politika kriminali speċifika tal-Istati Membri fir-rigward ta' trasgressuri li ġew ikkundannati għal reat sesswali fil-konfront ta' tifel jew tifla.

➔ 2011/93/UE premessa 26

(30) Jenħtieġ li l-investigazzjoni tar-reati u l-akkużi fi proċedimenti kriminali għandhom jiġu ffaċilitati, biex jittieħed kont tad-diffikultà għat-tfal vittmi biex jirrapportaw l-abbuż sesswali u l-anonimità tat-trasgressuri fl-ispazju ċibernetiku. Sabiex ikun żgurat is-suċċess tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tar-reati msemmijin f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-inizjazzjoni tagħhom m'għandhiex ma tiddipendix, fil-prinċipju, minn rapport jew akkuża magħmulin mill-vittma jew mir-rappreżentant tagħha. It-tul tal-perijodu ta' żmien suffiċjenti għal prosekuzzjoni għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-liġi nazzjonali rispettiva.

⇩ ġdid

(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-

[26] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/800/oj.

abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti.

---

| ↓ 2011/93/UE premessa 27 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(32) Għandhom Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. Fejn ikun il-każ u f' ⌦ F' ⌫ konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet ⇨ u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. ⇦

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(33) Xi forom ta' abbuż sesswali tat-tfal online, bħax-xandir b'live streaming tal-abbuż tat-tfal, spiss imwettaq fiżikament minn persuni preżenti f'pajjiżi terzi fuq talba ta' awturi ta' reati li jħallsu fl-UE, joħolqu sfidi investigattivi partikolari, peress li l-abbuż imxandar normalment ma jħallix stampi jew traċċi rreġistrati warajh. Il-kooperazzjoni mas-servizzi finanzjarji definiti fl-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] u ma' fornituri ta' servizzi rilevanti oħra tista' tkun

[27] Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill

kruċjali biex jingħelbu l-isfidi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati. Għalhekk, biex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jipprovdu oqfsa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi finanzjarji u fornituri ta' servizzi rilevanti oħra bħall-fornituri ta' servizzi ta' live streaming. Dan inaqqas l-impunità u jiżgura li r-reati kollha koperti minn din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu investigati b'mod effettiv, bl-użu ta' għodod u riżorsi mmirati u xierqa.

---

| ➜ 2011/93/UE premessa 28 |
|---|
| ⇨ ġdid |

(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali ta' tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. ⇨ B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines. ⇦ Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti ~~m'għandhomx~~ jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "*in bona fede*" ~~għandu~~ jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament immaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.

---

| ➜ 2011/93/UE premessa 29 (adattat) |
|---|

(35) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni ~~għandhom~~ jiġu emendati sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni li jabbużaw sesswalment minn jew jisfruttaw sesswalment it-tfal, jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni anke jekk ir-reati tagħhom isiru barra mill-Unjoni, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu tas-sess. ⌦ L-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫ ~~It-turiżmu tas-sess mat-tfal~~ ~~għandu~~ jenħtieġ li jinftiehem bħala sfruttament sesswali tat-tfal minn persuna jew persuni li jivvjaġġaw mill-ambjent tas-soltu tagħhom lejn destinazzjoni barra minn pajjiżhom fejn ikollhom kuntatt sesswali mat-tfal. Fejn ~~it-turiżmu għas-sess mat-tfal~~ ⌦ l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫ jseħħ barra mill-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġin ifittxu jżidu, permezz tal-istrumenti nazzjonali u internazzjonali disponibbli, inklużi t-trattati bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni, l-assistenza reċiproka jew it-trasferiment tal-proċedimenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li jikkumbattu t-turiżmu ~~tas-sess~~ ⌦ sesswali ⌫. Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jrawmu d-djalogu miftuħ u l-komunikazzjoni mal-pajjiżi barra mill-Unjoni biex, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, dawn ikunu jistgħu jħarrku ~~lit-trasgressuri~~ ⌦ lill-awturi ⌫ li jivvjaġġaw barra mill-fruntieri tal-Unjoni għall-iskopijiet ⌦ tal-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫~~tat-turiżmu sesswali mat-tfal~~.

---

90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/65/oj).

🡻 2011/93/UE premessa 30 (adattat)

⇨ ġdid

(36) ~~Għandhom~~ Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha ~~għandhom~~ jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw lill-minorenni, fl-aħjar interessi tagħhom. ⇨ Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. ⇦ It-tfal vittmi ~~għandu~~ jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ⇨ ġustizzja adattata għat-tfal, ⇦rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ta' tifel jew tifla jsir fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi ~~għandhom~~ jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali ~~m'għandhiex~~, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. ⇨ L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. ⇦ ~~Li jkun mifhumin sew it-tfal u kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi, sabiex jiżguraw kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u biex jitnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa.~~ ⌦ Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa ⌫. ⇨ Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal. ⇦

| |
|---|
| 🡻 2011/93/UE premessa 31 |
| ⇨ ġdid |

(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ ~~jikkunsidraw li jagħtu~~ ⇨ jipprovdu ⇦ assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil ⇨ li tkun imfassla apposta u komprensiva ⇦ lit-tfal li jkunu vittmi. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ta' tifel jew tifla hi sinifikattiva u ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi indirizzata ⇨ malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines ⇦. Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza ~~għandha~~ jenħtieġ li tkompli għal kemm ikun hemm bżonn għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku tat-tifel jew tifla u tista' tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza ~~għandu~~ jitqies li jiġu estiżi għall-ġenituri ⇨ , il-persuni li jindukraw ⇦u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza mfassla apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.

| |
|---|
| 🡻 2011/93/UE premessa 32 (adattat) |
| ⇨ ġdid |

(39) ~~Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI~~ ⌦ Id-Direttiva 2012/29/UE ⌫ tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u ⇨ d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar ⇦ kumpens ⇨ mit-trasgressur ⇦. ⇨ Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. ⇦ Barra ~~minn hekk,~~ ⌦ mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, ⌫ tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali għajnuna legali tista' tiġi pprovduta wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens mill-Istat. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex

tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali u r-rappreżentanza ~~għandhom~~ jenħtieġ li jingħataw minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali ~~għandha~~ jenħtieġ li tingħata mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma għandhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.

---

⇩ ġdid

(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"), stabbilit bir-Regolament [.../.../UE *li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal*][28], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-*data* dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta' vantaġġ fl-appoġġ ta' politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta' kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b'diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

---

⇩ ġdid

(41) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaħtru korpi jew entitajiet eżistenti, bħall-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni nazzjonali diġà maħtura f'konformità mar-Regolament [.../.../UE *Ir-Regolament CSA propost*], bħala awtoritajiet nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti taħt din id-Direttiva, sa fejn dan ikun kompatibbli mal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kompiti attribwiti lilhom taħt din id-Direttiva jitwettqu b'mod effettiv u sħiħ.

---

28 COM (2022) 209, 11.5.2022.

🡻 2011/93/UE premessa 33 (adattat)

⇨ ġdid

(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jwettqu azzjoni għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' atti relatati mal-promozzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u ⌦ l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫ ~~t-turiżmu tas-sess mat-tfal~~. Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri differenti ta' prevenzjoni bħat-tfassil u r-rinfurzar ta' kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmi awtoregolatorji fl-industrija tat-turiżmu, l-istabbiliment ta' kodiċi ta' etika jew ~~"tabelli~~ ⌦ "tikketti ⌫ ta' kwalità" ⇨ jew it-twaqqif ta' politika espliċita ⇦għal organizzazzjonijiet tat-turisti li jiġġieldu ⌦ l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫ ~~t-turiżmu tas-sess mat-tfal~~. ⇨ Jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom skont id-dritt tal-UE, il-liġi nazzjonali, u ftehimiet internazzjonali, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu mit-territorju tagħhom jew lejh, b'mod partikolari billi jieħdu azzjoni xierqa malli jirċievu informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi, inkluż it-twettiq ta' aktar kontrolli jew il-ħruġ ta' rifjut ta' dħul fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri[29]. ⇦

🡻 2011/93/UE premessa 34 (adattat)

⇨ ġdid

(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jistabbilixxu ~~u~~/jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' tagħrif u kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza, ⇨ inkluż għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ⇦ u ~~riċerka u~~ programmi ⌦ ta' riċerka u ta' ⌫ tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. ~~Għandha~~ Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu ⇨ , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż

[29] Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14-55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj).

sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja ⇦.⌧ Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, ⌫ ~~It~~ it-twaqqif ta' helplines jew hotlines ⇨ apposta ⇦ ~~għandu~~ jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu kkunsidrat.

---

| ⬇ 2011/93/UE premessa 35 (adattat) |
|---|

(44) Fir-rigward tas-sistema tar-rappurtar tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali tat-tfal u tal-assistenza lit-tfal fil-bżonn, ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiġu promossi u ~~għandha~~ titqies l-esperjenza rigward il-funzjonament tal-linji telefoniċi diretti tal-Unjoni taħt in-numri 116 000 għat-tfal li għebu, 116 006 għall-vittmi ta' reat u 116 111 għat-tfal, kif introdotti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE ~~tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'116 għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali~~[30].

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(45) L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-membri tan-network ta' hotlines INHOPE, ilhom attivi għal snin sħaħ f'diversi Stati Membri, filwaqt li kkooperaw mal-infurzar tal-liġi u mal-fornituri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tneħħija u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Din il-ħidma tiġġieled ir-rivittimizzazzjoni billi tillimita t-tixrid ta' materjal illegali online, u tista' tipprovdi evidenza għall-infurzar tal-liġi ta' reati mwettqa. Madankollu, il-qafas legali li fih joperaw ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u, f'ħafna każijiet, huwa nieqes f'termini tal-identifikazzjoni tal-kompiti li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu legalment, kif ukoll tal-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu awtorizzazzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-kompiti rilevanti, u b'mod partikolari l-ipproċessar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, f'liema każ l-ipproċessar jenħtieġ li ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt". Tali awtorizzazzjonijiet huma mħeġġa peress li jżidu ċ-ċertezza legali, jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u jappoġġaw id-drittijiet tal-vittmi billi jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-isfera diġitali pubblika.

---

[30] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'116 għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 49, 17.2.2007, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/116(1)/oj).

↓ 2011/93/UE premessa 36 (adattat)

⇨ ġdid

(46) Il-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi ~~tal-isfruttament~~ ⌦ tal-abbuż ⌫ sesswali u tal-isfruttament sesswali ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu mħarrġin kif xieraq sabiex jidentifikaw tali vittmi u jittrattaw magħhom. ⇨ Biex tiġi żgurata ġustizzja mfassla apposta għat-tfal matul l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, dan ⇦ ~~L-obbligu tat-taħriġ~~ it-taħriġ ~~għandu~~ jenħtieġ li jiġi promoss għall-membri tal-kategoriji li ġejjin meta aktarx li dawn jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jkunu tfal: uffiċjali tal-pulizija, prosekuturi pubbliċi, avukati, membri tal-ġudikatura u uffiċjali tal-qorti, persunal tal-kura tat-tfal u tas-saħħa, ⇨ professjonisti fis-settur tal-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, is-servizzi soċjali, il-fornituri ta' appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva ⇦ imma jistgħu jinvolvu wkoll gruppi oħrajn ta' persuni li fix-xogħol tagħhom aktarx jiltaqgħu ma' tfal vittmi tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali.

---

↓ 2011/93/UE premessa 37

(47) Sabiex jiġu impediti l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiġu proposti lilhom programmi jew miżuri ta' intervent li jimmiraw għat-trasgressuri tas-sess. Dawk il-programmi jew miżuri ta' intervent ~~għandhom~~ jenħtieġ li jilħqu approċċ wiesa' u flessibbli, filwaqt li jiffokaw fuq l-aspetti mediċi u psikosoċjali u jkunu ta' natura mhux obbligatorja. Dawk il-programmi jew il-miżuri ta' intervent huma mingħajr preġudizzju għal programmi jew miżuri ta' intervent imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

---

↓ 2011/93/UE premessa 38

⇨ ġdid

(48) ~~Il-programmi jew miżuri ta' intervent mhumiex mogħtija bħala dritt awtomatiku.~~ Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu liema programmi jew miżuri ta' intervent huma adatti. ⇨ Fil-każ ta' persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reat, jenħtieġ li dawn il-persuni jew miżuri jkunu aċċessibbli f'konformità mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa. ⇦

---

↓ 2011/93/UE premessa 39 (adattat)

⇨ ġdid

(49) Biex jiġi impedit u jiġi minimizzat ir-reċidiviżmu, it-trasgressuri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu soġġetti għal stima tal-perikolu kkaġunat mit-trasgressuri u tar-riskji possibbli ta' repetizzjoni tar-reati sesswali kontra t-tfal. L-arranġamenti għal tali stima, bħat-tip ta' awtorità kompetenti li tordna u tagħmel l-istima jew il-mument matul jew wara l-

proċedimenti kriminali meta dik l-istima ~~għandha~~ jenħtieġ li sseħħ kif ukoll l-arranġamenti għal programmi jew miżuri effettivi ta' intervent offruti wara dik l-istima, ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri. Għall-istess objettiv li jiġi impedit u minimizzat ir-reċidiviżmu, it-trasgressuri ~~għandu wkoll~~ jenħtieġ ukoll li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri effettivi ta' intervent fuq bażi volontarja. Jenħtieġ li dawn il-programmi jew il-miżuri ta' intervent ~~m'għandhomx~~ ma jinterferixxux ma' skemi nazzjonali stabbiliti biex jiġi indirizzat it-trattament ta' persuni li jsofru minn ~~diżabbiltà mentali~~ ⇨ kwistjonijiet ta' saħħa u jenħtieġ li jkunu aċċessibbli u affordabbli f'konformità mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa, pereżempju fir-rigward tal-eliġibbiltà tagħhom għal rimborż taħt l-iskemi tas-saħħa tal-Istati Membri ⇦.

---

| |
|---|
| ⬇ 2011/93/UE premessa 40 (adattat) |
| ⇨ ġdid |

(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati ~~għandhom~~ temporanjament jew permanentement jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal ⇨ jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ⇦ . Il-persuni li jħaddmu ~~huma intitolata jkunu informati~~ ⇨ jenħtieġ li jitolbu informazzjoni ⇦ , meta jirreklutaw għal post li jinvolvi kuntatti ~~regolari~~ diretti u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti**.** Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "impjegati" ~~għandu~~ jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu organizzazzjonijiet li jkunu attivi fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni ~~u/~~jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal ⇨ , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi ⇦. Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. ⇨ Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[31]. ⇦

---

[31] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

🡻 2011/93/UE premessa 41
⇨ ġdid

(51) ⇨ Fil-qasam tal-abbuż sesswali tat-tfal, il-fenomenu ta' trasgressuri li jerġgħu jiksbu aċċess għat-tfal wara kundanna jew skwalifika billi jiċċaqilqu lejn ġuriżdizzjoni oħra huwa partikolarment mifrux u inkwetanti. Għalhekk, huwa kruċjali li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex dan jiġi evitat. ⇦ Fir-rispett dovut lit-tradizzjonijiet ġuridiċi differenti tal-Istati Membri, din id-Direttiva tieħu kont tal-fatt li l-aċċess għall-fedina penali huwa permess biss mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-persuna konċernata. Din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligu għall-modifika tas-sistemi nazzjonali li jirregolaw il-fedini penali jew il-mezz ta' aċċess ta' dawn il-fedini.

🡻 2011/93/UE premessa 42
⇨ ġdid

(52) ⇨ Għall-informazzjoni mhux disponibbli jew li għadha mhijiex disponibbli fl-ECRIS, pereżempju informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kanali oħra biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-impjegaturi li jirreklutaw għal kariga li tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal. ⇦ L-objettiv ta' din id-Direttiva mhuwiex li jkunu armonizzati r-regoli li jikkonċernaw il-kunsens tal-persuna kkonċernata meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni mir-reġistri kriminali, jiġifieri jekk ikunx rikjest tali kunsens jew le. Irrispettivament minn jekk tali kunsens ikunx rikjest jew le skont il-liġi nazzjonali, din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligi ġodda għal tibdil fil-liġi nazzjonali u fil-proċeduri nazzjonali f'dan is-sens.

🡻 2011/93/UE premessa 43 (adattat)

(53) L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jadottaw miżuri amministrattivi addizzjonali b'rabta ~~mat-trasgressuri,~~ ⌦ mal-awturi ⌫, bħal pereżempju r-reġistrazzjoni, f'reġistri ta' trasgressuri sesswali, ta' persuni kkundannati għal reati msemmija f'din id-Direttiva. L-aċċess għal dawn ir-reġistri ~~għandu~~ jenħtieġ li jkun soġġett għal limitazzjoni f'konformità mal-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali u l-istandards applikabbli tal-protezzjoni tad-*data*, pereżempju bil-limitazzjoni tal-aċċess għall-ġudikatura ~~u/~~ jew awtoritajiet ~~tal-eżekuzzjoni~~ ⌦ tal-infurzar tal-liġi ⌫.

32 Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj).

| ⬇ 2011/93/UE premessa 44 (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

(54) L-Istati Membri ~~huma inkoraġġiti~~ ⇨ jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ⇦ joħolqu mekkaniżmi għall-ġbir tad-*data* ~~jew punti fokali,~~ f'livell nazzjonali, lokali jew reġjonali u f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, għall-fini tal-osservazzjoni u stima tal-fenomenu tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal ⇨, filwaqt li jibnu wkoll fuq l-obbligi aktar wiesa' tal-ġbir tad-*data* stabbiliti fid-Direttiva [.../...] [id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, Riformulazzjoni], u r-Regolament (UE) [ir-Regolament li jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal] ⇦. Biex tkun tista' tevalwa adegwatement ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, jenħtieġ li l-Unjoni ~~għandha~~ tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fir-rigward tal-metodoloġiji u tal-metodi tal-ġbir ta' *data* sabiex tiġi prodotta statistika komparabbli. ⇨ Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE, bħala ċentru ta' għarfien ċentrali dwar l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni, ikollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward. ⇦

---

| ⬇ 2011/93/UE premessa 45 |
|---|

(55) Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jieħdu azzjoni xierqa biex jistabbilixxu servizzi ta' informazzjoni biex jagħtu informazzjoni dwar kif jiġu rikonoxxuti s-sinjali ta' abbuż sesswali u ta' sfruttament sesswali.

---

| ⬇ 2011/93/UE premessa 46 (adattat) |
|---|

(56) ~~Il-pedopornografija, li tikkostitwixxi immaġni ta' abbuż sesswali tat-tfal,~~ ⌦ Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ huwa tip ta' kontenut speċifiku li ma jistax jiġi interpretat bħala l-espressjoni ta' opinjoni. Biex jiġi miġġieled, jeħtieġ li tonqos iċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal billi jsir aktar diffiċli li t-trasgressuri jtellgħu tali kontenut fuq l-Internet aċċessibbli pubblikament. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni biex jitneħħa l-kontenut u jinqabdu dawk ħatja tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-tniżżil ta' ~~immaġni~~ ⌦ materjal ⌫ ta' abbuż sesswali tat-tfal. Bil-għan li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni fit-taqbida kontra ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, jenħtieġ li l-Istati Membri ~~għandhom~~ jagħmlu mill-aħjar biex jikkoperaw ma' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw it-tneħħija ta' tali kontenut mis-servers fit-territorju tagħhom.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(57) L-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu ċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż billi jikkooperaw ma' pajjiżi terzi skont din id-Direttiva, jenħtieġ li ma jaffettwawx ir-Regolament (UE) 2022/2065, ir-Regolament (UE) 2021/1232 u [.../.../ Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal]. Il-kontenut online li jikkostitwixxi jew jiffaċilita r-reati kriminali msemmija

f'din id-Direttiva se jkun soġġett għal miżuri skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] fir-rigward ta' kontenut illegali.

---

🡻 2011/93/UE premessa 47 (adattat)
⇨ ġdid

(58) ~~Madanakollu, minkejja~~ ⌦ Minkejja ⌫ dawn l-isforzi ⌦ mill-Istati Membri ⌫, it-tneħħija ta' ~~kontenut pedopornografiku~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk jistgħu jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi għall-imblukkar ta' aċċess mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫. Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'konformità ma' din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta' azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort'oħra. F'dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta' ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari fl-interess li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta' websites li jkollhom fihom materjal ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ikunu kemm jista' jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ~~Il-Programm Għal Internet Aktar Sikur waqqaf netwerk ta' hotlines li għandhom l-għan li jiġbru informazzjoni u jiżguraw kopertura u skambju ta' rapporti dwar it-tipi ewlenin ta' kontenut illegali online.~~ ⇨ In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines[34] jittratta rapporti ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal irrapportat b'mod anonimu mill-pubbliku u jikkoopera mal-infurzar tal-liġi u l-industrija fil-livell nazzjonali, Ewropea u globali biex tiġi żgurata t-tneħħija rapida ta' dan it-tip ta' kontenut. ⇦

---

[33] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

[34] Bħalissa fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali.

🡻 2011/93/UE premessa 48

~~48. Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/68/ĠAI. Ladarba l-emendi li jridu jsiru huma ta' numru u ta' natura sostanzjali, id-Deċiżjoni Qafas għandha, fl-interess taċ-ċarezza, tiġi sostitwita fl-intier tagħha fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva.~~

🡻 2011/93/UE premessa 49 (adattat)

(59) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, l-isfruttament sesswali tat-tfal u ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ~~waħedhom u~~ ⌦ iżda ⌫ jista' ⌦ pjuttost ⌫ ~~għalhekk~~, minħabba l-iskala u l-effetti ~~tiegħu~~ ⌦ tal-azzjoni ⌫, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità~~,~~ kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

🡻 2011/93/UE premessa 50

(60) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew il-kastig inuman jew degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati kriminali u pieni. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawk id-drittijiet u prinċipji u għandha tiġi implimentata kif meħtieġ.

🡻 2011/93/UE premessa 51

~~51. F'konformità mal-Artikoli 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

⇩ ġdid

(61) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, permezz ta' ittra ta' …,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.]

JEW

[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

---

| ⬇ 2011/93/UE premessa 52 (adattat) |
|---|

(62) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 ~~tal-Protokoll~~ ta' Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(63) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(64) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad Direttiva mniżżla fl-Anness I.

---

| ⬇ 2011/93/UE (adattat) |
|---|

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ~~il-pedopornografija~~ ⌦ il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ u sollecitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati ⌦ kriminali ⌫ u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tfal" tfisser kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena;

(2) "età ta' kunsens sesswali" tfisser l-età li taħtha, f'konformità mal-liġi nazzjonali, hija pprojbita l-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal;

(3) " ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫" tfisser:

(a) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;

(b) rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

(c) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali; ~~jew~~

(d) ~~pedopornografija~~ ⌦ stampi ⌫ ⇨ , riproduzzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet ⇦ realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ~~immaġni realistiċi~~ tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

⇩ ġdid

(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew sollecitazzjoni tat-tfal;

🡻 2011/93/UE (adattat)

(4) "⌦ sfruttament tat-tfal fil-prostituzzjoni ⌫" tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda bħala ħlas sabiex it-tfal jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk dak il-ħlas, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ssirx lit-tfal jew lil parti terza;

(5) "prestazzjoni~~pornografika~~ ⌦ ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫" tfisser l-esibizzjoni diretta ~~organizzata~~, immirata għal udjenza, anke permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta':

(a) ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata; jew

(b) tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

(6) "persuna ġuridika" tfisser entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;.

---

⇩ ġdid

(7) "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2015/1535[35].

(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika.

---

⬇ 2011/93/UE

⇨ ġdid

*Artikolu 3*

*Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ~~intenzjonali~~ msemmija fil-paragrafi 2 sa ~~6~~ ⇨ 8 ⇦ tkun punibbli.

2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali ⇨ jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra ⇦għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ~~ħames~~ ⇨ 8 ⇦ snin priġunerija.

5. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn:

(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ~~tmien~~

---

[35] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1-15).

⇨ 10 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas ~~tliet~~ ⇨ 6 ⇦ snin priġunerija, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew

(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ~~tmien~~ ⇨ 10 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ~~tliet~~ ⇨ 6 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew

(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ~~għaxar~~ ⇨ 12-il ⇦ sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ~~ħames~~ ⇨ 7 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ~~għaxar~~ ⇨ 12-il ⇦ sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ~~ħames~~ ⇨ 7 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

---

⇩ ġdid

7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 12-il sena priġunerija:

(a) il-parteċipazzjoni ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;

(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.

8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

(b) il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument qabel l-att u matulu;

(c) in-nuqqas ta’ kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta’ reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata.”

---

| |
|---|
| ⬇ 2011/93/UE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 4*

*Reati li jikkonċernaw sfruttament sesswali*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonali msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli.

2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f’wirjiet ~~pornografiċi~~ ⌦ ta’ abbuż sesswali tat-tfal ⌫, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b’xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali, u ta’ mill-inqas sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f’wirjiet ~~pornografiċi~~ ⌦ ta’ abbuż sesswali tat-tfal ⌫, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali, u ta’ mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

4. L-attendenza konxja għal wirjiet ~~pornografiċi~~ ⌦ ta’ abbuż sesswali tat-tfal ⌫ li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta’ tfal għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali, u ta’ mill-inqas sena priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

5. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw ⌦ fl-isfruttament fil-prostituzzjoni ⌫ ~~fil-prostituzzjoni tat-tfal~~, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b’xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali, jew ta’ mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

6. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal ⌦ fi sfruttament permezz tal-prostituzzjoni ⌫ ~~fil-prostituzzjoni tat-tfal~~, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali u ta’ mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

7. Il-parteċipazzjoni f’attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn isir rikors ⌦ għall-isfruttament permezz tal-prostituzzjoni⌫ ~~għall-prostituzzjoni tat-tfal~~ għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ~~ħames~~ ⇨ 8 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu

għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas ~~sentejn~~ ⇨ 4 ⇦ snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

---

↓ 2011/93/UE (adattat)

*Artikolu 5*

*Reati li jikkonċernaw ~~il-pedopornografija~~ ⌦ il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata msemmija fil-paragrafi 2 sa 6, meta titwettaq mingħajr dritt, tkun punibbli.

2. L-akkwist jew il-pussess ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

3. L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ~~għall-pedopornografija~~ ⌦ għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

5. L-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

6. Il-produzzjoni ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija.

---

⇩ ġdid

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ma għandhiex titqies li tkun twettqet mingħajr dritt b'mod partikolari meta titwettaq minn, jew f'isem u taħt ir-responsabbiltà ta', organizzazzjoni stabbilita fi Stat Membru li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru meta tali azzjonijiet ikunu twettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'tali awtorizzazzjoni.

Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu r-rekwiżit li l-organizzazzjonijiet li jirċievu tali awtorizzazzjonijiet ikollhom l-għarfien espert u l-indipendenza meħtieġa, li jkun hemm mekkaniżmi xierqa ta' rapportar u ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet jaġixxu malajr, b'diliġenza, u fl-interess pubbliku, u li l-organizzazzjonijiet jagħmlu użu minn kanali siguri ta' komunikazzjoni biex iwettqu l-azzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet għal organizzazzjoni li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal imsemmija fil-paragrafu 7 jippermettu li xi wħud mill-attivitajiet li ġejjin jew l-attivitajiet kollha li ġejjin:

a. li jirċievu u janalizzaw rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, sottomessi lilhom minn vittmi, utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

b. li jinnotifikaw minnufih lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Istat Membru fejn il-materjal ikun ospitat b'kontenut illegali rrapportat;

c. li jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u jkunu awtorizzati li jirċievu rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-punt (a) fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz fejn ikun ospitat il-materjal

d. li jwettqu tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting biex jidentifikaw it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi jużaw ir-rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-ittra (a) jew fuq talba ta' vittma.

---

| ↓ 2011/93/UE (adattat) |
|---|

9. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk dan l-Artikolu japplikax għal każijiet li jinvolvu ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, kif imsemmi fl-Artikolu 2⌦ , il-punt (3)(c) ⌫~~(c)(iii)~~, , fejn il-persuna li tidher li tkun tfal fil-fatt kellha 18-il sena jew aktar fil-mument tar-rappreżentazzjoni.

10. ~~Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Mmebri li jiddeċiedu jekk il-paragrafi 2 u 6 ta' dan l-Artikolu japplikawx għal każijiet fejn jiġi stabbilit li materjal pornografiku kif imsemmi fl-Artikolu 2 (c)(iv), ikun magħmul u miżmum mill-produttur għall-użu privat tiegħu jew tagħha biss safejn l-ebda materjal pornografiku kif imsemmi fl-Artikolu 2 (c)(i), (ii) jew (iii) ma jkun intuża għall-fini tal-produzz joni tiegħu, u dment li l-att ma jkun jinvolvi l-ebda riskju li l-materjal jinxtered.~~

---

| ↓ 2011/93/UE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 6*

*Sollecitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata ⌦ mwettqa minn adult ⌫ li ġejja tkun punibbli ⌦ kif ġej ⌫:

(a) ~~il-proposta~~ ⌦ li xi ħadd jipproponi ⌫, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ~~minn adult~~ biex jiltaqa' ma' tfal ~~li jkunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali~~ ⇨ online jew b'mod

fiżiku ⇦, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) ⇨ , (5), (6) u (7) ⇦ u l-Artikolu 5(6), fejn dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

---

⇩ ġdid

(b) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn meta jsir użu minn imġiba ta' ġegħil, forza jew theddid.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissolleċita tfal ~~li ma jkunux tal-età tal-kunsens~~ ~~li jagħtu~~ ⌦ għall-għoti ⌫ ta' ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ~~li turi dawk it-tfal~~ ikun punibbli ⇨ b'terminu massimu ta' priġunerija ta' 6 xhur ⇦.

---

⇩ ġdid

L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1) meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament permezz tal-prostituzzjoni huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.

L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1) meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

⇩ ġdid

*Artikolu 7*

*Solleċitazzjoni ta' abbuż sesswali*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 3 snin.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 8*

*Tħaddim ta' servizz online għall-fini ta' abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1).

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 9*

*Inċitament, għajnuna u faċilitazzjoni, u tentattiv*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-faċilitazzjoni biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~6~~ ⇨ 8 ⇦ jkunu punibbli.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5) ~~u~~ ⌦ , ⌫ (6), ⇨ (7) u (8), ⇦l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), ~~u~~ l-Artikolu 5(4), (5) u (6) ⇨ , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 ⇦ jkun punibbli.

↓ 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 10*

*Attivitajiet sesswali kunsenswali*

1. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 3(2) u (4) japplikax għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari~~, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika~~, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu abbuż.

2. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4) japplikax għal prestazzjoni ⌦ li ⌫ ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari ~~li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika jew fiżika~~, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni ~~pornografika~~.

3. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 5(2), ⇨ (3), (4) ⇦ u (6) japplikawx għall-produzzjoni, l-akkwist jew il-pussess ta' materjal ⇨ , jew l-aċċess għalih, li jinvolvi esklussivament: ⇦

⌦ (a) ⌫ tfal li jkunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali ⌦ , jew ⌫

⇨ (b) tfal li jkunu qabżu l-età ta' kunsens sesswali u l-pari tagħhom, ⇦

fejn dak il-materjal ikun magħmul u miżmum bil-kunsens ~~ta' dawk~~ ⌦ tat-tfal involuti ⌫ u jkun għall-użu privat biss tal-persuni involuti, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu abbuż.

⇩ ġdid

4. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 6 japplikax għal proposti, konverżazzjonijiet, kuntatti jew skambji bejn il-pari.

5. Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 4, tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali jistgħu jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal attività biss meta l-kunsens ikun ingħata volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest.

   Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument.

   In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata.

6. Il-kondiviżjoni kunsenswali ta' stampi jew ta' vidjos intimi ta' persuni ma tistax tiġi interpretata bħala kunsens għal kwalunkwe kondiviżjoni jew tixrid ulterjuri ta' dik l-istess stampa jew vidjo.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 11*

*Ċirkostanzi aggravanti*

Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jiffurmawx diġà parti mill-elementi kostitwenti tar-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ċ-ċirkostanzi li ġejjin, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ċirkostanzi aggravanti, fir-rigward tar-reati relevanti msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~:

(a) ir-reat kien imwettaq kontra tfal f'qagħda partikolarment vulnerabbli, bħalma huma t-tfal b'diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza jew stat ta' inkapaċità fiżika jew mentali;

(b) ir-reat kien imwettaq minn membru tal-familja tat-tfal, persuna li tkun tgħix mat-tfal jew persuna li tkun abbużat mill-pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja ⌦ , ⌫ ~~jew~~ awtorità ⇨ jew influwenza ⇦ tagħha ⌦ fuq it-tfal ⌫;

(c) ir-reat kien imwettaq minn diversi persuni li kienu qed jaġixxu flimkien;

(d) ir-reat kien imwettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI ~~tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata~~[36]~~;~~

(e) it-trasgressur ikun diġà kkundannat b'reati tal-istess natura;

(f) it-trasgressur ikun deliberatament jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tat-tfal;~~jew~~

(g) ir-reat ikun involva vjolenza serja jew ikkaġuna ħsara serja għat-tfal ⌦ ; ⌫ ~~.~~

---

⇩ ġdid

(h) ir-reat ikun twettaq ripetutament;

(i) ir-reat ikun twettaq bl-użu jew it-theddid ta' użu ta' arma; jew

(j) ir-reat ikun twettaq billi l-vittma tiġi mġiegħla tieħu, tuża jew tiġi affettwata minn drogi, alkoħol jew sustanzi intossikanti oħra.

---

36 ~~Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.~~

| |
|---|
| 🡻 2011/93/UE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 12*

*Skwalifika li tirriżulta minn kundanni*

1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' repetizzjoni tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna fiżika li ġiet ikkundannata bi kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ 7, tkun tista' tiġi temporanjament jew permanentement impedita milli twettaq mill-inqasattivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li min iħaddem, meta jkun qed jirrekluta għal attivitajiet professjonali jew volontarji organizzati li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal, ⇨ u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta jkunu qed jirreklutaw il-persunal, ⇦ ikunu intitolat ⇨ meħtieġa ⇦ li jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali, permezz ta' kwalunkwe mod xieraq, bħal pereżempju l-aċċess meta ssir talba għalih jew permezz tal-persuna kkonċernata, dwar l-eżistenza ta' kundanni kriminali għal xi reat li hemm riferiment għalih fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ 7 mdaħħla fil-fedina penali, jew l-eżistenza ta' kwalunkwe skwalifika għall-eżerċizzju tal-attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal ikkawżati minn dawk il-kundanni kriminali.

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, ⇨ meta jintalbu mill-awtoritajiet kompetenti, ⇦ l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall- applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu it-trażmissjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' kundanni kriminali għal xi wieħed mir-reati li hemm riferiment għalih fl-Artikoli 3 sa 7 ⇨ 9 ⇦, jew ta' xi skwalifika għall-eżerċizzju ta' attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal derivanti minn dawk il-kundanni kriminali, tkun trażmessa f'konformità mal-proċeduri ddelineati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali(13) meta rikjest skont it-termini tal-Artikolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas bil-kunsens tal-persuna kkonċernata. ⇨ , u li l-informazzjoni trażmessa tkun kompluta kemm jista' jkun, li tkun tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar kundanni kriminali jew skwalifiki derivanti minn kundanni kriminali miżmuma minn kwalunkwe Stat Membru. Għal dak il-għan, tali informazzjoni għandha tiġi trażmessa permezz tal-ECRIS jew il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali stabbilit ma' pajjiżi terzi. ⇦

🡻 2011/93/UE

~~*Artikolu 11*~~

~~*Qbid u konfiska*~~

~~L-Istati membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiskambjaw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jaqbdu u jikkonfiskaw l-istrumenti u r-rikavat mir-reati msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5.~~

🡻 2011/93/UE
⇨ ġdid

*Artikolu 13*

*Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~ li jkun twettaq għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, abbażi ta':

   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

   (b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 tkun għamlet possibbli t-twettiq, minn persuna taħt l-awtorità tagħha, ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~ għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika.

3. Ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi taħt il-paragrafi 1 u 2 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu kkommettew, inċitaw ir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~ jew li jkunu kompliċi fihom.

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 14*

*Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu ⌦ 13 ⌫ ~~12(1)~~ tkun punibbli

permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji jew għajnuna pubblika;

(b)⇨ esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet; ⇦

(c) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

(d) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(e) stralċ ġudizzjarju; jew

(f) għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li ~~setgħu~~ ntużaw biex ikun kommess ir-reat.

2. ~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 12(2) tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.~~

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn (2) għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi li l-livell massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 1 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 3 snin għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 5 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

---

🡻 2011/93/UE

⇨ ġdid

*Artikolu 15*

*Nonprosekuzzjoni jew nonapplikazzjoni fir-rigward ta' pieni għall-vittma*

L-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux jew jimponu sanzjonijiet kontra t-tfal vittmi tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu

bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 4(2), (3), (5) u (6), u fl-Artikolu 5 ⇨ (4), (5) u ⇦ (6).

---

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 16*

*Investigazzjoni u prosekuzzjoni ⇨ u perjodi ta' limitazzjoni ⇦*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ ma jkunux jiddependu minn rapport jew akkuża mill-vittma jew mir-rappreżentant tagħha, u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jitkomplew anke jekk dik il-persuna tkun irtirat id-dikjarazzjonijiet tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) ~~u~~ ⌦ , ⌫ ta' kull reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża ~~il-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ imsemmi fl-Artikolu 2 ⌦ , il-punti (3)(a) u (b) ⌫ ~~(c)(i) u (ii)~~, ⇨ u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 ⇦, għal żmien sufficjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.

---

⇩ ġdid

Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun:

(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;

(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;

(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

---

🡻 2011/93/UE
⇨ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi

responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦.

---

⇩ ġdid

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex jinvestigaw u jipprosegwixxu b'mod effettiv kontra tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippermettu lill-unitajiet jew lis-servizzi investigattivi jippruvaw jidentifikaw il-vittmi tar-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦, b'mod partikolari billi janalizzaw materjal ~~tal-pedopornografija~~ ⌦ ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫, bħal ritratti u reġistrazzjonijiet awdjoviżivi trażmessi jew magħmulin disponibbli permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

---

🡻 2011/93/UE
⇨ ġdid

*Artikolu 17*

*Rappurtar ta' suspett ta' abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità imposti mil-liġi nazzjonali fuq ċerti professjonisti li għandhom il-kompitu prinċipali li jaħdmu mat-tfal, ma jkunux ta' ostakolu għall-possibbiltà, għal dawk il-professjonisti, milli jirrapportaw lis-servizzi responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal kwalunkwe sitwazzjoni fejn ikollhom raġunijiet suffiċjenti biex jemmnu li tfal ikunu vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti ⇨ , mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE)

2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[38] [*li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal*]. ⇦

---

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti li jaħdmu fis-setturi tal-kura tas-saħħa fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar previst fil-paragrafu 3.

5. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-persuni msemmija fil-paragrafu 3 dwar kif jiġi identifikat jekk twettaqx jew huwiex probabbli li jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva u dwar ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti. Linji gwida bħal dawn għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 18*

*Rappurtar ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal*

1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u b'lingwa adattata għat-tfal,

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[38] Ir-Regolament (UE)

f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament sesswali jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu *data* personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni, tal-inqas sat-tlestija tal-ewwel valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE.

---

| 🡻 2011/93/UE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 19*

*Ġuriżdizzjoni u koordinazzjoni ta' prosekuzzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq ir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ fejn:

(a) ir-reat ikun twettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tagħhom; jew

(b) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tagħhom.

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni fejn huwa jiddeċiedi li jistabbilixxi ġuriżdizzjoni ulterjuri fuq reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ li jkun twettaq barra t-territorju tiegħu, *inter alia* fejn:

(a) ir-reat jitwettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew kontra persuna li għandha r-residenza abitwali fit-territorju tiegħu;

(b) ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu; jew

(c) it-trasgressur għandu r-residenza abitwali fit-territorju tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni tagħhom tinkludi sitwazzjonijiet fejn reat imsemmi fl-Artikoli 5 ~~u~~ ⌦ , ⌫ 6 ⇨ u 8 ⇦, u sa fejn ikun relevanti, fl-Artikoli 3 ~~u~~ ⇨, 4, ⇦ 7 ⇨ u 9 ⇦, jitwettaq permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni aċċessata mit-territorju tagħhom, kemm jekk din tinsab fuq it-territorju tagħhom, kif ukoll jekk le.

4. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikolu 3(4), (5) ⌦ , ⌫ (6), ⇨ (7), u (8), ⇦ l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) ~~u~~ ⌦ , ⌫ l-Artikolu 5(6) ⇨ , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 ⇦ meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1 ⌦ , il-punt ⌫ (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx subordinata għall-kondizzjoni li l-atti jkunu reat kriminali fil-post fejn ikunu saru.

5. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1 ⌦ , il-punt ⌫ (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx subordinata għall-kondizzjoni li l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara rapport li

jkun sar mill-vittma fil-post fejn ikun sar ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun sar ir-reat.

---

⇩ ġdid

6. Fejn reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 sa 9 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Meta jkun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 20*

*Dispożizzjonijiet ġenerali dwar assistenza, appoġġ u miżuri ta' protezzjoni għal tfal vittmi*

1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli ~~19 u 20~~ ⌦ 21 u 22 ⌫ , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tfal li jkunu vittmi jingħataw għajnuna ~~,~~ ⌦ u ⌫ appoġġ hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ~~bażi raġonevoli,~~ indikazzjoni ta' bażi raġonevoli sabiex jemmnu li t-tfal setgħu kienu ġew soġġetti għal xi reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età ta' persuna soġġetta għal kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persuna hija tifel jew tifla, għandu jkun preżunt li dik il-persuna hija tifel jew tifla sabiex huwa/hija jirċievi/tirċievi aċċess immedjat għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni f'konformità mal-Artikoli ~~19 u 20~~ ⌦ 21 u 22 ⌫.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 21*

*Assistenza u appoġġ għall-vittmi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ ⇨ speċjalizzat u adatt ⇦ , qabel, matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati ~~fid-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI~~ ⌦ fid-Direttiva 2012/29/UE ⌫ , ⇨ fid-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-*

MT 58 MT

*appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*] ⇦ u f'din id-Direttiva. ⇨ L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*]. ⇦ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom.

---

⇩ ġdid

2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika.

3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni *interim*, it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.

4. Il-vittmi ta' reati punibbli skont din id-Direttiva għandu jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta' riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu 28 tad-Direttiva […/…/UE *Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa*][39].

---

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

5. ~~2.~~ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għajnuna u l-appoġġ lill-vittma ma jingħatawx bil-kundizzjoni li l-vittma minorenni turi rieda li tikkoopera fl-investigazzjoni kriminali, fil-proċeduri jew fil-proċess.

6. ~~3.~~ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw it-tfal vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, ⇨ imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda* d-Direttiva 2012/29/UE *li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ* u *l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*] ⇦ u jittieħed kont tal-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal.

7. ~~4.~~ Tfal vittmi ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ għandhom jitqiesu bħala partikolarment vulnerabbli skont ~~l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI~~ ⇨ l-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2012/29/UE u d-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*] ⇦.

8. ~~5.~~ L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, fejn adatt u possibbli, biex jipprovdu assistenza u appoġġ lill-familja tat-tfal vittmi sabiex jibbenefikaw mid-drittijiet taħt

---

[39] COM(2022) 105, 08.03.2022.

din id-Direttiva meta l-familja tkun fit-territorju tal-Istat Membru. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom, fejn adatt u possibbli, japplikaw l-Artikolu 4 ~~tad-Direttiva Qafas 2001/220/ĠAI~~ ⌦ tad-Direttiva 2012/29/UE ⌫ ⇨ u d-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*] ⇦ għall-familja tat-tfal vittmi.

---

⇩ ġdid

9. Ladarba jiġi stabbilit, iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa b'mod proattiv l-isforzi tal-Istati Membri dwar l-assistenza lill-vittmi billi:

(a) jistieden istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll awtoritajiet, korpi jew aġenziji rilevanti tal-Istati Membri, jikkondividu maċ-Ċentru tal-UE informazzjoni dwar l-assistenza lill-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal kull meta jkun xieraq u mill-inqas darba fis-sena;

(b) fuq inizjattiva tiegħu stess jiġbor informazzjoni dwar miżuri u programmi fil-qasam tal-assistenza lill-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, inklużi miżuri u programmi implimentati f'pajjiżi terzi;

(c) jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, billi jżomm bażi ta' *data* pubblika ta' miżuri u programmi għall-assistenza lill-vittmi, implimentati f'kull Stat Membru kif ukoll f'pajjiżi terzi; il-bażi tad-*data* ma għandu jkun fiha l-ebda *data* personali.

(d) jiffaċilita t-tħejjija tal-linji gwida u l-protokolli msemmija fil-paragrafu 10.

10. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali dwar l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż dwar ir-riferiment tal-vittmi lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti u l-kjarifika tar-rwoli u r-responsabbiltajiet. Linji gwida bħal dawn għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 22*

*Protezzjoni ta' tfal vittmi f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi jkollhom aċċess, mingħajr dewmien, għal konsulenza legali, u f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema

relevanti tal-ġustizzja, għal rappreżentanza legali, anke għall-fini li jitolbu kumpens. Il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas fejn il-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti.

3. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet kriminali relatati ma' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦:

(a) l-intervisti mat-tfal vittmi jsiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti;

(b) l-intervisti mat-tfal vittmi jsiru f'post imfassal jew adattat għal dan il-fini;

(c) l-intervisti mat-tfal vittmi jitwettqu minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak il-fini;

(d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn adatt, imexxu l-intervisti kollha mat-tfal vittmi;

(e) l-għadd ta' intervisti jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jsiru biss fejn strettament meħtieġ għall-finijiet ta' investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali relevanti;

(f) it-tfal vittmi jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn adatt, minn adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni ~~raġunata~~ ⌦ motivata ⌫ kontra dik il-persuna.

⇨ (g) l-eżamijiet mediċi tat-tfal vittmi għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali jkunu limitati kemm jista' jkun u jitwettqu minn professjonisti mħarrġa għal dan il-għan. ⇦

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦, l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fil-proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦, ikun jista' jiġi ordnat li:

(a) is-smigħ isir mingħajr il-preżenza tal-pubbliku;

(b) it-tfal vittmi jkunu jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni adatta.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn ikun fl-interess ta' tfal vittmi u b'kont meħud ta' interessi superjuri oħra, biex jipproteġu l-privatezza, l-identità u l-immaġni tat-tfal vittmi u jimpedixxu t-tixrid pubbliku ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tagħhom.

---

⇩ ġdid

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma'

kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 23*

*Dritt tal-vittma għal kumpens*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva jkollhom dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jintalab kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 minn persuni ġuridiċi responsabbli għal tali reati skont l-Artikoli 13 u 14 u, fejn xieraq, minn skemi nazzjonali ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.

2. Minbarra d-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 16a tad-Direttiva (UE) …/… [*proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittjiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati*], il-vittmi għandhom jitħallew jitolbu kumpens fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali u ċivili għal kwalunkwe dannu kkawżat lilhom minn kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva, għal perjodu ta' żmien suffiċjenti, proporzjonat mal-gravità tar-reat, wara li jilħqu l-età maġġuri.

3. Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun:

   (a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin;

   (b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin;

   (c) mill-inqas 30 senamid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex jiġi żgurat kumpens suffiċjenti lill-vittmi ta' reati punibbli skont din id-Direttiva, jitqiesu l-elementi rilevanti kollha, inklużi:

   (a) kwalunkwe wġigħ u tbatija fiżiċi jew mentali kkawżati mir-reat, inkluż l-uġigħ u t-tbatija marbuta maċ-ċirkolazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jikkonċerna lill-vittma inkwistjoni;

   (b) kwalunkwe kost tal-kura b'rabta mal-irkupru minn tali wġigħ u tbatija, inklużi l-ispejjeż relatati mas-saħħa u t-trattament mentali u fiżika u l-kostijiet tal-ivvjaġġar li setgħu ġġarrbu biex tiġi aċċessata tali kura; u

   (c) kwalunkwe telf ta' introjtu kkawżat mir-reat.

⇩ ġdid

*Artikolu 24*

*Awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti biex iwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

(1) jiffaċilitaw u, fejn meħtieġ, jikkoordinaw l-isforzi fil-livell nazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-assistenza lill-vittmi;

(2) iwettqu valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, online u offline;

(3) jevalwaw ir-riżultati ta' programmi u miżuri preventivi, kif ukoll ta' programmi u miżuri maħsuba biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi, inkluż il-ġbir ta' statistika f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam;

(4) jirrapportaw dwar xejriet, riżultati u statistika bħal dawn.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-obbligi tal-ġbir tad-*data*, tar-riċerka u tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 31.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 25*

*Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn diversi aġenziji u diversi partijiet ikkonċernati*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi biex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri sabiex jindirizzaw l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fil-livell nazzjonali, tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ kif ukoll il-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-servizzi soċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni jew tal-benesseri tat-tfal, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, is-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħra. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jiżguraw ukoll koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

⇨ ġdid

*Artikolu 26*

*Miżuri kontra r-reklamar ta' opportunitajiet ta' abbuż u ⌦ ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu ⌫ ~~turiżmu tas-sess mat-tfal~~*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa ta' prevenzjoni jew projbizzjoni:

(a) it-tixrid ta' materjal li jirreklama l-opportunità għat-twettiq ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 8 ⇦ ~~6~~; u

(b) l-organizzazzjoni ta' arranġamenti oħra, kemm jekk ikunu għal finijiet kummerċjali jew le, ta' vjaġġar bil-fini li jitwettaq kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 ~~sa~~ ⌦ , 4 u ⌫ 5.

---

| ⬇ 2011/93/UE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 27*

*Programmi jew miżuri ta' intervent preventiv*

⌦ 1. ⌫ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa ~~7~~ ⇨ 9 ⇦ jista' jkollhom aċċess~~, fejn xieraq,~~ għal programmi jew miżuri ⇨ apposta u ⇦effettivi ta' intervent, imfassla għall-istima u l-prevenzjoni tar-riskju li jitwettqu dawn ir-reati.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu aċċessibbli mingħajr restrizzjonijiet bla bżonn f'konformità mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa.

---

| ⬇ 2011/93/UE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 28*

*Prevenzjoni*

1. ⇨ Biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem kull tip ta' sfruttament sesswali tat-tfal, ⇦ l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, ⇨ kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tul il-ħajja tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, in-natura illegali tiegħu, u l-possibbiltà għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati relatati li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent ⇦ ~~biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament sesswali tat-tfal~~.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka, ~~u~~ programmi ⇨ jew materjal ⇦ ta' edukazzjoni ⇨ u ta' taħriġ ⇦, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet relevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet

interessati oħrajn, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ta' tfal li jsiru vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.

3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari ⇨ , inkluż ġustizzja mfassla apposta għat-tfal għal professjonisti, imħallfin u ⇦ ~~għall-~~ uffiċjali li x'aktarx ikunu f'kuntatt mat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali, inkluż ⇨, iżda mhux limitat għal, professjonisti għall-protezzjoni tat-tfal, professjonisti legali, għalliema u edukaturi, imħallfin tal-qorti tal-familja u ⇦ pulizija li jaħdmu f'dan il-qasam, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw tfal vittmi u tfal vittmi potenzjali ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.

---

⇩ ġdid

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal f'ambjenti komunitarji, inklużi skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbs sportivi jew komunitajiet reliġjużi.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal li jaħdem f'tali ambjenti;

(b) linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;

(c) il-ħolqien ta' spazji sikuri, immexxija minn persunal apposta u mħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-membri tal-komunità jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa.

Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal b'diżabilitajiet mentali jew fiżiċi.

5. Ladarba jiġi stabbilit, iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa b'mod proattiv l-isforzi ta' prevenzjoni tal-Istati Membri billi:

(a) jistieden istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll awtoritajiet, korpi jew aġenziji rilevanti tal-Istati Membri, biex jikkondividu informazzjoni dwar miżuri u programmi ta' prevenzjoni fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal kull meta jkun xieraq u mill-inqas darba fis-sena;

(b) jiġbor informazzjoni dwar miżuri u programmi ta' prevenzjoni fil-qasam tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inklużi miżuri u programmi implimentati f'pajjiżi terzi;

(c) jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi billi jżomm bażi tad-*data* pubblika ta' miżuri u programmi ta' prevenzjoni implimentati f'kull Stat Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

| |
|---|
| 🡻 2011/93/UE |
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 29*

*Programmi jew miżuri ta' intervent fuq bażi volontarja matul jew wara proċedimenti kriminali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-programmi ta' intervent imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkunu disponibbli programmi jew miżuri effettivi ⇨ u apposta ⇦ ta' intervent biex jimpedixxu u jimminimizzaw ir-riskji ta' reati ripetuti ta' natura sesswali kontra t-tfal. Tali programmi jew miżuri għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti kriminali, ⇨ u għandhom ikunu disponibbli ⇦ kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-ħabs, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2. Il-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-iżvilupp tat-tfal li jwettqu reat sesswali.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni li ġejjin ikun jista' jkollhom aċċess għall-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmijin fil-paragrafu 1:

   (a) persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali għal kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~ taħt kondizzjonijiet li ma jkunux la għad-detriment u lanqas imorru kontra d-drittijiet tad-difiża jew għar-rekwiżiti ta' smigħ ġust u parzjali, u b'mod partikolari b'konformità mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza; u

   (b) persuni kkundannati għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni msemmijin fil-paragrafu 3 jkunu soġġetti għal stima tal-perikolu li jippreżentaw u tar-riskji possibbli ta' repetizzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ⇨ 9 ⇦ ~~7~~, bil-għan li jiġu identifikati programmi jew miżuri adatti ta' intervent.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni msemmijin fil-paragrafu 3 li għalihom ġew proposti l-programmi jew il-miżuri ta' intervent f'konformità mal-paragrafu 4:

   (a) ikunu kompletament informati bir-raġunijiet għall-proposta;

   (b) jagħtu l-kunsens tagħhom biex jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri bl-għarfien sħiħ tal-fatti;

   (c) jistgħu jirrifjutaw u, fil-każ ta' persuni kkundannati, ikunu mgħarrfa bil-konsegwenzi possibbli ta' tali rifjut.

↓ 2011/93/UE (adattat)

*Artikolu 30*

*Miżuri kontra siti elettroniċi li jkollhom fihom jew li jxerrdu ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ta' paġni web li jkun fihom jew li jxerrdu ~~l-pedopornografija~~ ⌦ l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ineħħu tali paġni ospitati barra t-territorju tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess għal paġni web li jkun fihom jew ixerrdu ~~pedopornografija~~ ⌦ materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ⌫ lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.

⇩ ġdid

*Artikolu 31*

*Ġbir tad-data*

1. L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ għall-ġbir, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika pubblika dwar ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9.

2. L-istatistika għandha tinkludi d-*data* li ġejja diżaggregata skont is-sess, l-età tal-vittma u tat-trasgressur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur u t-tip ta' reat:

   (a) l-għadd ta' vittmi li esperjenzaw wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 matul l-aħħar 12-il xahar, l-aħħar 5 snin u tul il-ħajja;

   (b) l-għadd annwali ta' persuni prosegwiti u kkundannati għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali;

   (c) ir-riżultati tal-inizjattivi ta' prevenzjoni tagħhom skont l-Artikoli 27, 28 u 29 f'termini tal-għadd ta' trasgressuri u ta' trasgressuri potenzjali li jkunu aċċessaw programmi ta' prevenzjoni u l-perċentwal ta' dawn it-trasgressuri u t-trasgressuri potenzjali li ġew ikkundannati għal wieħed mir-reati fl-Artikoli 3 sa 9 wara li jkunu pparteċipaw f'tali programmi.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ ibbażat fuq il-popolazzjoni, kull 3 snin, bl-użu tal-metodoloġija armonizzata tal-Kummissjoni (l-Eurostat) biex jikkontribwixxu sabiex tinġabar id-*data* msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2, u fuq dik il-bażi jivvalutaw il-prevalenza u x-xejriet għar-reati kollha msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva. Għall-ewwel darba, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu dik id-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) sa mhux aktar tard minn [3 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva].

4. L-Istati Membri għandhom jiġbru *data* amministrattiva skont il-paragrafu 2 abbażi ta' diżaggregazzjonijiet komuni żviluppati f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE. Huma għandhom jittrażmettu dik id-*data* liċ-Ċentru tal-UE fuq bażi annwali. Id-*data* trażmessa ma għandux ikun fiha *data* personali.

5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri fil-ġbir tad-*data* msemmija fil-paragrafu 2, inkluż billi jippromwovi l-iżvilupp ta' standards volontarji komuni dwar l-unitajiet tal-għadd, ir-regoli tal-għadd, id-diżaggregazzjonijiet komuni, il-formati tar-rapportar, u dwar il-klassifikazzjoni ta' reati kriminali.

6. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-istatistika liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni u jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku fuq bażi annwali. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor l-istatistika u jagħmilha disponibbli għall-pubbliku. L-istatistika ma għandux ikun fiha *data* personali.

7. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ir-riċerka dwar il-kawżi, l-effetti, l-inċidenzi, il-miżuri effettivi ta' prevenzjoni, l-assistenza effettiva lill-vittmi u r-rati ta' kundanna tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva.

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

*Artikolu 32*

*Rappurtar*

~~1. Il-Kummissjoni għandha, sat-18 ta' Diċembru 2015, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, flimkien, jekk meħtieġ, ma' proposta leġiżlattiva.~~

~~2. Sat-18 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 25.~~

---

⇩ ġdid

Il-Kummissjoni għandha, sa [*5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ*] u mbagħad kull 5 snin wara dan, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva [fl-Istati Membri] u, jekk xieraq, tipproponi emendi.

---

🡻 2011/93/UE

~~*Artikolu 26*~~

~~*Sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/68/ĠAI*~~

~~Id-Deċiżjoni Kwadru 2004/68/ĠAI hija b'dan sostitwita relattivament għall-Istati Membri li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas fil-liġi nazzjonali.~~

~~Relattivament għall-Istati Membri li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Kwadru 2004/68/ĠAI għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.~~

---

| |
|---|
| 🡻 2011/93/UE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 33*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ~~ma' din id-Direttiva~~ ⇨ mal-Artikolu 2, il-paragrafi (3)(d), (4), (5), (6), (8), (9); l-Artikolu 3, il-paragrafi (1), (4), sa (9); l-Artikolu 4, il-paragrafi (4) sa (7); l-Artikolu 5, il-paragrafi (2) sa (10); l-Artikoli 6 sa 10; l-Artikoli 11, il-kliem introduttorju u l-ittri (b), (h), (i), (j); l-Artikolu 12; l-Artikolu 13; l-Artikolu 14, il-paragrafu (1), il-kliem introduttorju u l-ittra (b), u l-paragrafi (2) u (3); l-Artikolu 15 sa 20; l-Artikolu 21, il-paragrafi (1) sa (4), u (6) sa (10); l-Artikolu 22, il-paragrafu (3), il-kliem introduttorju u l-ittra (g), u l-paragrafi (4), (5) u (7); l-Artikoli 23 sa 28; l-Artikolu 29, il-paragrafi (1), (3) u (4); l-Artikoli 30 sa 32 ta' din id-Direttiva ⇦ sa ⇨ [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] ⇦ ~~sat-18 ta' Diċembru 2013.~~ ⇨ Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni. ⇦

~~2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Direttiva.~~

2. ~~3.~~ Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. ⇨ Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva dawk għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. ⇦ ~~Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.~~

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, inkluża tabella ta' korrelazzjoni bejn tali miżuri nazzjonali u l-obbligi korrispondenti f'din id-Direttiva.

⇩ ġdid

*Artikolu 34*

*Tħassir*

Id-Direttiva 2011/93/UE hija mħassra b'effett minn [il-jum wara d-data stabbilita fl-Artikolu32, l-ewwel subparagrafu], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

🡻 2011/93/UE

⇨ ġdid

*Artikolu 35*

*Dħul fis-seħħ* ⇨ *u applikazzjoni* ⇦

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-⇨ għoxrin ⇦ jum ⇨ wara dak ⇦ tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

⇩ ġdid

L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 33 għandhom japplikaw minn *[... jum wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1)*], minbarra l-Artikolu 21 il-paragrafu (9), l-Artikolu 28 il-paragrafu (5); l-Artikolu 31 il-paragrafu (4), (5) u (6) li għandhom japplikaw minn [ *id-data trid tiġi allinjata mar-Regolament tas-CSA*].

---

🡻 2011/93/UE (adattat)

*Artikolu 36*

~~*Indirizzati*~~ ⌦ *Destinatarji* ⌫

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |